**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 662/2021**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**-Vs-**

**HENRY ALONSO CANO ROJAS**

**Illum, 12 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **HENRY ALONSO CANO ROJAS**, ta' 32 sena, ta' nazzjonalita' Kolombjana, imwieled Caucasia il-Kolombja u residenti ġewwa Seaview Apartments, Apartment 17, Triq San Ġorġ, San Ġiljan li ġie akkużat talli ġewwa l-Appartament numru sbatax (17), Seaview Apartments, fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl bejn id-disgħa (9) ta' Ottubru tas-sena selfejn u wieħed u għoxrin (2021) u l-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena selfejn u wieħed u għoxrin (2021):-

1. Mingħajr il-kunsens, ikkommettejt konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġetti, jew penetrazzjoni orali, b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra, u cioe' fuq il-persuna ta' -omissis- ;

2. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestajt, żammejt jew issekkwestrajt lil -omissis- kontra l-volonta' tagħha, sabiex toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' tal-vittma msemmija kif ukoll għall-familjari tagħha.

Il-Qorti kienet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi jaqraw l-akkużi u jikkonfermawhom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati;

Rat illi l-Avukat Ġenerali fit-8 ta' Frar 2023 bagħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minn din il-Qorti taħt dak li hemm maħsub:-

- Fl-artikoli 198(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat fis-seduta tad-9 ta' Frar 2023 jiddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u deċiż minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kolha akkwiżiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijet orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2024;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dan huwa każ ta' allegat stupru.

Il-Qorti tibda biex tosserva b'mod ġenerali illi kull persuna għandha l-jedd għal rispett għad-dinjita', unur u awtonomija sesswali tagħha, u l-parteċipazzjoni tagħha f'attivitajiet sesswali ma għandux ifisser li l-persuna tkun warrbet l-inbizzjonijiet, riżervi jew limitazzjonijiet li jkunu ġejjin minn raġunijiet soċjali, reliġjużi, personali jew ta' xort'oħra tagħha, fir-rigward ta' attivitajiet sesswali.  Kemm hu hekk, persuna

li tipparteċipa volontarjament f'attivita' sesswali ma' persuna oħra, għandha dritt tistenna illi meta tirreżisti espressament jew impliċitament b'mod li raġjonevolment jinftiehem bħala nuqqas ta' kunsens jew oġġezzjoni għax-xorta jew qies tal-attivita' sesswali li tixtieq tkun involuta fiha, il-persuna l-oħra għandha tieqaf jew tiddeżisti minn dik l-attivita'.

Mill-fatti li joħorgu mill-atti tal-kawza jirriżulta illi l-allegat stupru seħħ għall-ħabta ta' bejn it-3.15 a.m. u l-3.40 a.m. tal-10 ta' Ottubru 2021, fl-appartament tal-imputat ġewwa Paceville. Hu kien mar fl-appartament tiegħu flimkien mal-parti offiża, -omissis- – studenta Olandiża li kienet ġiet Malta għal ftit ġimgħat biex tistudja l-Ingliż - wara l-ħin tal-egħluq, għall-ħabta tat-3.00 a.m., tal-istabbiliment 'Footloose' fejn l-imputat kien jaħdem bħala deejay. Hu stabbilit mill-provi li l-partijiet kienu ltaqgħu ġewwa l-imsemmi stabbiliment xi ġimagħtejn qabel u sadanittant kienu skambjaw xi messaġġi fuq Instagram.

L-imputat jiċħad l-akkużi u jagħti verżjoni li tikkuntrasta ma' dik mogħtija mill-parti offiża dwar dak li seħħ sija ġewwa l-istabbiliment fejn kien qed jaħdem dak il-lejl u l-fatti kif żvolġew wara li huma ħarġu mill-istabbiliment u kif spiċċaw fl-appartament tiegħu, u sija wkoll dwar dak li seħħ fl-appartament tiegħu. Fuq kollox, l-imputat, filwaqt li ma jikkontestax illi effettivament seħħet attivita' sesswali fl-appartament tiegħu u jaqbel illi kien hemm konġunġiment karnali, jinsisti illi ma seħħ ebda stupru u kollox seħħ bil-kunsens pjen tal-parti offiża.

Jirriżulta wkoll mix-xhieda illi -omissis- irrapportat l-allegat stupru lill-Pulizija nhar it-Tnejn 11 ta' Ottubru 2021 fl-4.30 p.m. u meta għamlet dan ir-rapport, kienet akkumpanjata minn persuna oħra li ġie rapportat li kien missierha. Fil-fatt, -omissis- xehdet illi missierha kien ġie Malta b'urġenza biex jassistiha tagħmel dan ir-rapport[1].

Ikkunsidrat;

---

[1] Ara xhieda PS 430 Andrew St. John.

Il-Qorti tibda biex tosserva li b'mod ġenerali, għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova illi l-imputat ikkommetta r-reat li qed jiġi mixli dwaru u dan billi tikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali dwar il-ħtija tiegħu. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta, u dan għaliex ftit li xejn jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li l-qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla wieħed li huwa maħsub fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex tista' tinsab fl-akkużat il-ħtija għal reat kriminali. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Ta' spiss il-Qorti ssib quddiemha każijiet - bħall-każ li għandha quddiemha llum - fejn il-fatti li joħorġu mill-provi li ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li jagħtu verżjonijiet kontradittorji. Għandu jingħad iżda, illi l-fatt waħdu li l-imputat jiċħad l-allegazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni u jkun jeżisti, għalhekk, konflitt fil-provi, ma jfissirx neċessarjament li l-imputat ghandu jigi liberat għaliex il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha biex twieżen il-provi u tevalwa l-kredibbilita` tax-xhieda u tista' għalhekk temmen il-verżjoni tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni u tiskarta dik tal-imputat. F'każ ta' kunflitt ta' provi konfliġġenti, huwa assodat illi l-ġudikant jista' jagħżel verżjoni waħda minn dawk opposti u hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tara lil min temmen u ma temminx meta hija rinfaccjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti.

Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-artikolu 633 u mill-artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi ohra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[2], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux».*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[3] ġie ritenut li:

"*Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*"

Għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wieħed

[2] Deciza 9.7.2003.
[3] Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012

waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

In materja ngħad illi:-

*« Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih. »*[4]

Illi fil-każ in diżamina, għalkemm hemm qbil li seħħ il-konġinġiment karnali bil-penetrazzjoni vaġinali tal-parti offiża bl-organu sesswali tal-imputat, il-partijiet jagħtu verżjonijiet kontradittorji dwar il-fatti li taw lok għal dan il-konġunġiment karnali u għalhekk, biex tasal għal deċiżjoni dwar il-ħtija o meno tal-imputat f'din il-kawża għar-reat ta' stupru, il-Qorti irid tagħmel eżerċizzju ta' evalwazzjoni tal-kredibbilita' tax-xhieda bl-applikazzjoni tal-prinċipji u l-insenjament fuq imsemmi.

Għall-fini ta' din l-evalwazzjoni, tqis illi jkun opportun li tiġi riprodotta qabel xejn is-sostanza tal-verżjoni tal-parti offiża u tal-imputati kif jirriżulta mix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti, kif ukoll minn dikjarazzjonijiet oħrajn li għamlu : fil-każ tal-parti offiża fix-xhieda ġuramentata tagħha fil-kors tal-inkjesta dwar l-in genere, u fil-każ tal-imputat fl-istqarrija li rrilaxxa meta ġie arrestat u kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija. Dan kollu sabiex jiġi meqjus il-kompatibbilita' bejn verżjoni u oħra u l-

[4] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

kredibbilita' tal-verżjoni fid-dawl tat-testimonjanza ta' xiehda oħrajn kif ukoll tal-evidenza oġġettiva u indizzjarja li jifformaw parti mill-provi proċesswali.

**-omissis-** xehdet quddiem il-Qorti[5] illi hija kienet ġiet Malta fis-6 ta' Settembru 2021 fuq *internship* u kellha tqatta' disgħa ġimgħat b'kollox Malta. Iltaqgħet mal-imputat fil-25 ta' Settembru 2021 ġewwa l-istabbiliment bl-isem Footloose fejn hu kien jaħdem bħala DJ. Dakinhar kienet talbitu jdoqqilha diska u kien qalilha li t-talba kellha ssir fuq Instagram u hi hekk għamlet. L-imputat kienet ipponta lejn ħaddejh bħala sinjal li kellha tagħtih bewsa talli daqqilha d-diska u kienu skambjaw xi messaġġi fuq Instagram. In segwitu, kienet marret il-Footloose xi għaxar darbiet oħra u kienet ilaqgħet mal-imputat xi darbtejn oħra fl-istess stabbiliment, u kienu reġgħu skambjaw xi messaġġi fuq Instagram iżda ma kellhomx iktar kuntatt sad-9 ta' Ottubru 2021.

Xehdet illi dak il-lejl iltaqgħet ma' grupp ta' sħabha għall-ħabta tal-10.30 p.m. ġewwa l-Footloose. Għamlet sat-3.00 a.m. tiżfen u tixrob ma' sħabha iżda ma kienetx xurbana u ċaħdet kategorikament li kienet fis-sakra. F'ħin minnhom marret ħdejn id-DJ, l-imputat, flimkien ma' ħabibtha Charlotte fejn kellmuh ftit u mbagħad qagħdu jiżfnu wara l-DJ stand għall-bqija tal-ħin. Meta l-istabbiliment wasal biex jagħlaq fit-3.00 a.m., il-ħbieb l-oħrajn tagħhom kienu diġa' ħarġu iżda Charlotte kienet staqsiet lill-uffiċjal tas-sigurta' jekk setgħux jagħmlu ftit minuti oħra ġewwa għall-kwiet sakemm joħroġ kulħadd mill-istabbiliment peress li kien hemm ħafna nies ħerġin 'il barra f'daqqa. Sadanittant id-DJ, l-imputat, kien qed jiżbarazza l-affarijiet tiegħu u għall-ħabta tat-3.10 a.m. huma ħarġu mill-istabbiliment flimkien miegħu. Ċaħdet li baqgħet ġewwa l-istabbiliment wara l-ħin tal-għeluq għaliex kienet qed tistenna lill-imputat. Sadanittant il-folla kienet infirxet u sabet lil sħabha barra fit-triq, waħda minnhom kienet qed tiekol pizza filwaqt li Charlotte marret titkellem mal-oħrajn.

[5] Xhieda tas-27 ta' Ottubru 2021.

Xehdet illi hawnhekk, l-imputat ħadha minn idejha u qalilha biex tmur miegħu iżda ma qalilhiex fejn kienu sejrin u meta qaltlu li trid tistenna lill-ħabiba tagħha, Charlotte billi kienu miftiehim li jitilqu flimkien bħas-soltu, qalilha li m'hemmx għalfejn għaliex kienet qed titkellem ma' nies oħrajn. Dak il-ħin b'idha f'idu, ġibidha għal warajh fid-direzzjoni ta' Burger King, waqt li fl-id oħra kien qed iġorr il-baskett bl-apparat. Hi qaltlu diversi drabi li ma setgħetx titlaq lil Charlotte għaliex joqogħdu flimkien fl-istess appartament u xehdet li qaltlu espressament "*I dont want to go with you, I have to stay with my friends, I cannot come*". Iżda l-imputat ma tax kasha u baqa' jiġbidha minn idha għal warajh. Kif kienu telgħin it-telgħa, fil-kantuniera ma' Burger King, rat ħabiba oħra minn tagħha, Noa, li saqsietha fejn kienet sejra u bl-Olandiż biex l-imputat ma jifhimhiex, weġbitha li trid tgħinha għaliex ma tridx tmur miegħu u trid tibqa' mal-grupp li kien għadu quddiem Footloose. Għalhekk, Noa ġibditha mill-id l-oħra u mexxiethom lejn Footloose fejn kien hemm sħabha iżda fil-frattemp, l-imputat kien qed jipprova jiġbidha fid-direzzjoni l-oħra u reġgħet qalet lil Noa li min-naħa tagħha qaltlu "*stop, she doesn't want to come with you*" u qalgħet idha minn ma' idu u fil-frattemp il-pizza li kellha f'idejha waqgħet fl-art. -omissis-xehdet illi dak il-ħin l-imputat mexa warajhom dawk il-ftit metri 'l isfel sakemm ingħaqdu mal-bqija tal-grupp ta' ħbieb quddiem Footloose. Ħassitha "*a bit annoyed because he kept pulling me and I told him I wouldn't come and my friend also told him. He did not listen, he kept pulling, I was annoyed at that time but I didnt feel danger or anything because I was with my friends.*" Fissret ukoll illi l-imputat deher daqsxejn urtat u waqt li Noa marret tixtri pizza oħra, reġa' qabadha minn idha u beda jiġbidha fl-istess direzzjoni fejn kienu sejrin qabel, 'il fuq, u reġgħet qaltlu biex jieqaf għaliex trid tistenna lil sħabha għaliex kienu sejrin id-dar flimkien iżda baqa' jiġbidha sakemm waslu ħdejn il-Burger King fejn daħlu minn bieb ta' lewn blu. Hemmhekk l-imputat taha l-flokk tiegħu u l-baskett bl-apparat biex iżżommhomlu u qalilha biex ittellagħhomlu fuq u mbagħad setgħet terġa' tmur lura għand sħabha. Hi aċċettat għaliex qatt ma stenniet li ser jiġrilha dak li mbagħad kien seħħ u għalhekk, ħadet il-baskett u telgħet warajh xi tliet sulari. Speċfikat li ma kienetx għamlet dan b'xi ħsieb li tidħol fl-appartament tiegħu u qalet li kienet deċiżjoni inġenwa ħafna da parti tagħha li aċċettat iġġorlu l-affarijiet sal-appartament tiegħu.

Waqfet fil-bieb tal-appartament għaliex ma riditx tidħol iżda l-imputat fetaħ bieb tal-ħġieġ b'purtiera li jagħti għall-kamra tas-sodda u qalilha biex tidħol. Hi rrifjutat u qaltlu li kellha titlaq, fejn qalilha biex tpoġġilu l-baskett fl-art u hi hekk għamlet iżda dak il-ħin l-imputat għalaq il-bieb warajha u qalilha biex jaraw flimkien il-veduta mill-gallarija tal-kamra tas-sodda, fejn hi bdiet tippanikja għaliex kienet waħedha mingħajr sħabha. Ħarset malajr mill-gallarija u waqt li kienet fil-bieb tal-gallarija qaltlu "*ok well nice but I really need to leave right now*" iżda l-imputat beda jbusha. Hi talbitu biex jieqaf għaliex trid titlaq u tmur id-dar u sħabha ma jafux fejn qiegħda, iżda minflok ma ta kasha, kompla jbusha u beda jmissha minn taħt id-dublett. Hi imbottatu ftit, mhux b'ħafna saħħa għaliex kienet qed tibża' u dak il-ħin huwa waqaf u qalilha biex tpoġġi fuq is-sodda, iżda hi rrifjutat u qaltlu "*no I have to leave*". Dan waqt li kienet bil-wieqfa eżatt quddiem is-sodda bl-imputat quddiemha. Hu avviċinaha u beda jmissha u b'ġismu ġiegħlha taqa' lura fuq daharha għal fuq is-sodda peress li saqajha diġa' kienu qed imissu mas-sodda u ma setgħetx tiċċaqlaq.

Dak il-ħin kienet qed tibża' u tħossha panikjata ħafna għaliex kienet taf li kien ser jiġri xi ħaġa li ma ridithiex tiġri u qaltlu "*stop I need to go*". Iżda l-imputat ma semgħex, beda jbusha fuq għonqha u fuq ħalqha, beda jmissilha sidirha b'idejh u mbagħad niżel fuqha, fuq żaqqha, imbottalha idejha min-nofs, tellgħelha d-dublett u ressqilha l-qalziet ta' taħt mal-ġenb. Hi ppruvat timbottalu rasu minn bejn saqajha u imbottatlu wkoll idejh, li kienu fuq koxxtejha, xi darbtejn iżda "*he just grabbed my hands and putted (sic!) somewhere else and I remember at one point I was so panicked, I just froze and the only thing I could do is looking up to the ceiling like a lifeless body at that point because I did not know what to do anymore. ... I didnt do anything. I was laying on the bed looking up because my emotions were shut off. After I told him a couple of times to stop, he did not, at the whole evening he did not stop whenever i told him to stop. At that point, I got so panicked and stressed, I couln't do anything. I don't know why, I just looked up to the ceiling and let it happen for a while*"

Xehdet li l-imputat kien tellgħelha d-dublet u ressqilha l-qalziet ta' taħt u kien qed jippenetraha b'subajgħ filwaqt li kienet għadha liebsa l-ħwejjeġ kollha kif ukoll iż-żarbun. Kienet għadha liebsa wkoll il-baskett li dak il-ħin kien fuq żaqqha. Xehdet ukoll "*I kept telling, I had to go home and maybe yeah, that's not a good reason but I was so scared that the only excuse I could make to leave was I need to go back to my friends because they are looking for me. And after that he did not listen, I just cannot say or do anything, I was stiff on the bed*" u lanqas ipprovat tqum. Imbagħad l-imputat neħħielha l-qalziet ta' taħt kompletament u neħħa wkoll il-qalziet tiegħu iżda hi ma tafx għaliex kienet qed tħares lejn is-saqaf iżda semgħetu jinża' u mbagħad rat li kien neżża' ħwejġu. F'daqqa u l-ħin ippenetraha vaġinalment bil-parti tiegħu mingħajr kontraċettiv u dan waqt li hi kienet "*frozen on the bed looking up to the ceiling*". Xehdet ukoll li ppenetraha bis-saħħa u b'mod goff ħafna tant illi weġġagħha anke għaliex kien qed jiġbdilha saqajha 'l fuq. Għalkemm ikkonfermat illi uża l-forza biex jippenetraha, innegat li uża forza eċċessiva jew li f'xi waqt taha xi daqqa.

F'daqqa u l-ħin ħasset il-mobile fil-baskett li kien fuq żaqqha li kien qed iċempel u dan ġabha f'tagħha fejn fil-pront qamet bil-qiegħda bil-baskett b'kollox u qaltlu "*I have to leave now*" u hu ħareġ minn ġo fiha u ma kienx eġakola. Urietu l-mobile fejn kienet qed iċċemplilha Noa biex tara fejn kienet u qaltlu li sħabha kienu qed ifittxuha u kienet sejra titlaq minnufih. Hi riedet tieħu l-qalziet ta' taħt tagħha li kien fl-art iżda l-imputat qalilha li jrid iżommu għaliex ifuħ. Irnexxielha taħtfu minn idejh u libsitu malajr u dak il-ħin staqsiha jekk kienx ser jerġa' jaraha u bil-paniku li kellha qaltlu "*you should send me a text*". L-imputat weġibha li ma kienx għadu jaf l-isem tagħha fuq Instagram u kellha tibagħtlu messaġġ biex tkun fuq quċċata tal-lista tac-chats. Għalhekk meta kien għadu quddiemha, bagħtitlu "*hi*" u telqet, l-ewwel bdiet nieżla t-taraġ bil-mod u mbagħad niżlet il-bqija bil-ġiri.

Tant kienet ixxokkjata li għalkemm kienet f'post familjari, Paceville, ma kienetx taf fejn kienet qiegħda u ma kienetx taf x'kien ġara. Fortunatament sħabha rawha ħierġa mill-binja u kif ġew fuqha u staqsewha fejn kienet, hi bdiet tibki u l-unika kelma li ħarġet minn ġo ħalqha kienet il-kelma "*rape*" bl-Olandiż ('*voldtage*') u ma setgħetx

tgħid xejn iktar, saqajha kienu qed jitriegħdu u kienet qed tħossha mdejqa. Kull ma ġietha f'moħħha dak il-ħin kien li titlaq minn hemmhekk u tmur id-dar ma' sħabha u tħossha sigura u ma ġiethiex f'moħħha li tmur tirrapporta l-każ lill-Pulizija immedjatament. Rikbet ġo taxi flimkien ma' Noah, Charlotte u Deborah u marru dritt id-dar fejn hija kienet torqod f'kamra ma' Hannah. Meta waslet id-dar, marret it-toilet u rat li kellha d-demm ħiereġ mill-parti tagħha li kienet qed tuġagħha tant illi meta kienet daħlet fit-taxi ma setgħetx tpoġġi bil-qiegħda sew bl-uġigħ. Uriet id-demm lil Hannah u marru jorqdu. Filgħodu kien għadu ħiereġ id-demm u ma kienx waqaf sat-Tnejn fil-għodu iżda ma kellhiex sinjali oħrajn ta' vjolenza fuq ġisimha.

Il-Ħadd filgħodu hi u sħabha qablu li jiddiskutu dak li kien ġara l-lejl ta' qabel maż-żewġ mentors tagħhom Aski u Stanley għaliex ħasset li jekk ma titkellimx dak il-ħin dwar dak li kien ġara, ma kienet tgħid xejn lil ħadd qatt. Il-Ħadd filgħodu l-imputat bagħtilha messaġġ fejn qalilha "*Sorry about last night I was really drunk and I can't remember anything*". Hi ma weġbitux u ftit sigħat wara bagħtilha xi *smileys* u qalb maqsuma iżda xorta ma weġbitux. Imbagħad għall-ħabta tas-2.00 p.m ċemplet lil ommha u missierha biex tgħidilhom x'kien ġara għaliex huma dejjem jgħinuha f'kollox, iżda sabitha diffiċli ħafna tispjegalhom u kienet il-ħabiba tagħha Deborah li spjegatilhom x'kien ġara. Missierha ġie Malta t-Tnejn fil-għodu biex jakkumpanjaha għand il-Pulizija għaliex lanqas kien għaddielha minn rasha biex tmur tirrappporta l-każ, u marru flimkien fl-Għassa tal-Pulizija.

-omissis- xehdet illi ma damitx iktar minn għoxrin minuta fl-appartament tal-imputat u l-episodju fejn imbottaha fuq is-sodda u ppenetraha ma damx iktar minn ħames minuti jew għaxar minuti. Ikkonfermat ukoll illi apparti li kienet qaltlu ripetutament biex jieqaf u li riedet titlaq, ma kienux tkellmu ħafna fl-appartament tiegħu.
Illi l-Qorti tosserva illi din il-verżjoni hija kompatibbli bis-sħiħ fl-essenza tagħha mal-verżjoni li l-parti offiża rilaxxat bil-ġurament lill-espert maħtur fl-Inkjesta dwar l-in genere[6] fil-11 ta' Ottubru 2021 fit-8.00 p.m., fejn wara li spjegat il-ftit kuntatti li

[6] Dr. Mario Scerri – ara relazzjoni Dok. MS1.

kellha mal-imputat qabel is-Sibt 9 ta' Ottubru 2021, iddikjarat illi hija kienet fl-istabbiliment 'Footloose' u ħarġet minn hemm flimkien mal-ħabiba tagħha Charlotte, wara li l-imputat kien qalilha biex tistennih sakemm jiġbor l-apparat tiegħu meta l-istabbiliment għalaq fit-3.00 a.m. Sħabhom l-oħrajn kienu kollha barra fit-triq u l-imputat talabha biex tmur miegħu iżda qaltlu li ma kienetx sejra tiġi waħedha għaliex kienet ma' sħabha, iżda hu beda jiġbidha minn idha. Meta raw hekk, sħabha qalulu biex jieqaf u li kellha tibqa' magħhom. Iżda dak il-ħin kien hemm ġlieda qed isseħħ fit-triq u kulħadd infirex u l-imputat reġa' ġibidha għal miegħu u meta waslu quddiem il-bieb tal-appartament fejn kien joqgħod, qalilha biex tgħinu jdaħħal l-apparat tiegħu u hi hemmhekk saret ftit nervuża.

Hija kienet ġarret l-affarijiet tiegħu fil-blokka u telgħet bihom sat-tielet sular, bil-ħsieb li tgħaddilu l-affarijiet u titlaq 'l hemm, iżda meta kienet fil-bieb b'sieq waħda ġewwa qed tistennih jieħu ħwejġu, qalilha biex tidħol iżda qaltlu li trid tiltaqa' ma' sħabha. L-imputat għalaq il-bieb u beda jdawwarha mal-appartament u ħarġu fil-gallarija biex jaraw il-veduta. Bdiet tgħidlu li sħabha kienu qed iċemplulha u jibagħtulha l-messaġġi u kellha bżonn titlaq iżda hu beda jbusha. Qaltlu biex jieqaf u qalilha "*it's alright*" u baqa' jbusha fejn qaltlu li tixtieq titlaq u reġgħet qaltlu biex jieqaf, iżda ma kienetx imbottatu fiżikament. Qalilha biex tpoġġi bil-qiegħda u imbottaha għal fuq is-sodda; hi warrbitlu idu minn fuqha diversi drabi iżda baqa' jippersisti u hemmhekk hija ffriżat u ma setgħetx tiċaqlaq. Tellagħlha d-dublett u messha u mbagħad niżżel il-qalziet u ppenetraha u dan għal tlieta sa ħames minuti mingħajr ma libes kontraċettiv. Il-mobile tagħha kien qed idoqq u baqa' jdoqq u f'salt qamet bil-qiegħda u qaltlu li trid titlaq issa u hemmhekk l-imputat inqala' minn fuqha. Meta marret biex tiġbor il-qalziet ta' taħt tagħha minn mal-art l-imputat qalilha li jrid iżommu iżda ħatfithomlu minn idu; hu qalilha li jrid jerġa' jiltaqa' magħha fejn hi weġbitu biex jikkuntattjaha u hemmhekk saqsiha biex tagħtih il-mobile phone tagħha fejn fetaħ Instagram u bagħat messaġġ lilu stess fuq l-account tiegħu.

Wara, niżlet it-taraġ tiġri u kif ħarġet, sħabha sabuha ppanikkjata u tibki, u marru d-dar. Kulħadd inġabar fil-kamra tagħha u mbagħad raqdet. Meta qamet xi l-10.15 a.m.

sabet messaġġ mingħand l-aggressur fejn skuża ruħu magħha għal dak li ġara l-lejl ta' qabel u li kien fis-sakra.  Kellha d-demm ħiereġ ġurnata sħiħa u waqaf biss dakinhar fil-għaxija.

**L-imputat, fl-istqarrija** li rrilaxxa lill-Pulizija fil-11 ta' Ottubru 2021. iddikjara li huwa jaf lill-allegat vittma għaliex iltaqa' magħha fl-istabbiliment Footloose fejn jaħdem bħala DJ fejn jorganizzaw eventi tal-Olandiżi, u kull darba tiġi l-lokal tissaqsih iddoqqilha diski Olandiżi u kienet qaltlu li qiegħda Malta fuq *internship* tal-Erasmus.  Hu kien qalilha li biex ikun jista' jdoqq il-mużika li titolbu, trid issegwih fuq Instagram u kien taha l-profil tiegħu ('*dj-dicano*') għal dan l-iskop.  Dan kien jagħmlu ma' kulħadd għaliex filwaqt li huma jkunu kuntenti li jdoqq id-diski li jixtiequ filwaqt, hu jkun kuntent li b'hekk ikollu iktar segwaċi fuq Instagram.  Jaf li kien tkellem ma' -omissis- Charlotte fuq Instagram qabel dakinhar tal-allegat stupru u kienu anke żifnu ma' xulxin diversi drabi oħrajn ġewwa l-Footloose.  Qal ukoll li darba minnhom kienet qaltlu wkoll li l-ġimgħa ta' qabel kienet ġiet drogata ġewwa stabbiliment ieħor u kien għalhekk ma kienetx iltaqgħet miegħu, fejn qalilha li jiddispjaċih ta' dak li kien ġralha.  Stqarr li -omissis- kienet għamlet qiesu l-aħħar siegħa qabel għalaq l-istabbilment maġenbu flimkien ma' ħabiba tagħha u kien tkellem magħha kif ukoll żifnu flimkien.  Hu kien xorob biss żewġ tazzi tal-inbid u ma kienx fis-sakra.  Wara li għalaq l-istabbiliment mar ma' -omissis- jieklu pizza minn stabbiliment quddiem il-Burger King u ltaqgħu ma' xi ħbieb tagħha fit-triq, waħda minnhom kienet fis-sakra, u rieduha tmur magħhom il-Footloose għalkemm l-istabbiliment kien magħluq.  Meta marru lura hemmhekk, il-ħabiba tagħha sparixxiet u hu kien talabha biex imorru fl-appartament tiegħu.  Hi aċċettat u qabditlu idejh u qaltlu ejja ħa mmorru.  Fit-triq kienu qed iżommu id xulxin, fejn meta waslu fl-appartament tiegħu bdew jitbewsu u mbagħad kellhom x'jaqsmu sesswalment u meta spiċċaw hi telqet.  Għamlu żewġ minuti jitkellmu barra ħdejn il-bieb u qaltlu li kienu qegħdin iċemplulha l-ħbieb tagħha u setgħu jerġgħu jiltaqgħu l-ġimgħa d-dieħla bil-kwiet.  Ma rahiex tibki dak il-ħin fir-residenza tiegħu u qal li -omissis- kienet "*trankwilla*" u kuntenta għaliex kieku kien iħossha li ma kienetx kuntenta waqt li kienu qed ikollhom x'jaqsmu flimkien.  Ċaħad ukoll illi -omissis- kienet qaltlu biex

jieqaf u li ma riditx ikollha x'taqsam u li hu għamel pressjoni fuqha, u sostna li qatt ma qaltlu hekk għaliex kieku kien jgħidilha li mhux problema. Insista wkoll li kollox kien spontanju u normali u li -omissis- ma kienetx fis-sakra għaliex kienet miexja normali. Imbagħad qal li kienet l-idea tiegħu li jkollhom x'jaqsmu flimkien u hi aċċettat. Hu kien niżżillha l-qalziet ta' taħt u hi kienet għolliet id-dublett iżda kienet qaltlu biex ma jidħolx daqshekk b'saħħtu u biex jagħmel is-sess iktar bil-mod għaliex qaltlu li iktar jogħġobha bil-mod u mbagħad bdiet tagħmel ċertu ħsejjes li n-nisa jagħmlu meta qed jieħdu pjaċir u f'ebda mument ma qaltlu biex jieqaf u kompliet miegħu l-ħin kollu. Hu kompla sal-aħħar u qal "*normali hux, ġejt ġewwa*". Kien qalilha b'dan dak il-ħin u kienet kuntenta. Stqarr li ma kienx uża kontraċettiv u -omissis- ma kienet qaltlu xejn fir-rigward meta kienu għarwenin. Jaħseb li kien hu li neħħielha l-ħwejjeġ għaliex hi kull ma għamlet tellgħet id-dublett 'il fuq.

B'kollox damu xi għoxrin minuta fl-appartament tiegħu, anke għaliex bdiet tgħidlu li l-ħbieb tagħha qegħdin barra iżda ma kienx raha taqbad it-telefon. Fisser ukoll illi huwa kien bagħtilha l-messaġġ l-għada għaliex kien iddispjaċih ħafna għal dak li kienet irrakkontatlu li ġralha l-ġimgħa ta' qabel iżda hi ma kienetx weġbitu, lanqas meta wara kien bagħtilha wkoll messaġġ b'qalb maqsuma u bil-wiċċ imdejjaq. Mistoqsi għaliex fil-messaġġ li kien bagħtilha qalilha li jiddispjaċih u li kien fis-sakra u ma kienx jaf x'qed jagħmel meta qabel qal li ma kienx fis-sakra, l-imputat tenna li ma kienx fis-sakra u kien bagħat il-messaġġ biex ifissrilha kif kien qed iħossu hu dwar x'kien ġara lilha meta ġiet drogata. Qal ukoll li kien jiftakar kollox li kien ġara dak il-lejl u kien bagħat il-messaġġ li ma jiftakar xejn li kien ġara għaliex kien iddispjaċih b'li kien ġralha u anke għaliex hu kien xogħol u ma tantx ta kasha jew seta' jkompli magħha, iżda stqarr li seta' kien iktar speċifiku. Stqarr li ma kienx raqad tajjeb dak il-lejl u jista' jkun li l-ewwel ħaġa li kien għamel kif qam kien li bagħat il-messaġġ lil Reza. Mistoqsi għaliex ma kienx qalilha qabel li jiddispjaċih u stenna sal-għada fil-għodu biex jagħmel dan, l-imputat wieġeb li dak il-ħin il-ħbieb tagħha kienu qed jistennewha barra u meta kienu marru qabel jixtru l-pizza kienu qed jitkellmu fuq il-pizza u mbagħad iltaqgħu mal-ħbieb tagħha.

**L-imputat għażel li jixhed quddiem il-Qorti**[7]. Xehed illi kien iltaqa' ma' -omissis-Charlotte fl-istabbiliment Footloose fejn kien jaħdem bħala DJ u kienu tkellmu fuq Instagram kif ukoll wiċċ'imb wiċċ fid-diskoteka fuq il-mużika u b'kollox kien iltaqa' magħha madwar sitta jew seba' darbiet fuq medda ta' xi tliet ġimgħat.

Fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Ottubru 2021 huwa kien xogħol il-Footloose u -omissis-kienet ġiet ma' ħabiba tagħha u qagħdet fl-area tad-DJ fejn kien qed idoqq, u staqsietu biex idoqq xi diski partikolari u jekk setgħetx tibqa' ħdejh hemmhekk. Baqgħet ħdjeh u żifnu flimkien kif ukoll biesu lil xulxin u ħass li kien hemm xi ħaġa speċjali bejniethom, "*konnessjoni b'saħħitha ħafna*" tant li għal ftit ħin ħalla l-mużika biex jiffoka l-attenzjoni iktar fuqha. Kienet anke qaltlu li l-lejl ta' qabel kienet ġiet drogata jew xi ħadd poġġielha xi ħaġa fit-tazza tax-xorb meta kienet il-Footloose. Hu ma setax jifhem dak kollu li kienet qed tgħidlu għaliex kien hemm mużika b'volum għoli u minħabba x-xorb u kien qed jisma' biss biċċiet minn dak li kienet qed tirrakkontalu, iżda baqa' mistagħġeb b'dak li kienet qaltlu. Reġgħu tkellmu fuq dan l-episodju iktar tard meta marru d-dar tiegħu.

Meta l-klabb ġie biex jagħlaq fit-3.00 a.m. kien staqsa lil -omissis- biex tistennih biex wara jmorru d-dar tiegħu, għaliex is-sitwazzjoni bejniethom kienet sejra tajjeb. Hi aċċettat u għalhekk stennietu flimkien mal-ħabiba tagħha u mbagħad ħarġu mill-istabbiliment u stennew barra għaliex riedet tara fejn kienu qegħdin uħud mill-ħbieb filwaqt li l-ħabiba li kienet magħha bdiet tkellem lil xi ġuvni ieħor u allura telqu lejn id-dar tiegħu li tiġi viċin ħafna tal-Footloose ċirka mitt metru 'l fuq fit-triq. Huma u mexjin fit-triq iltaqgħu ma' ħabiba ta' -omissis- li kienet fis-sakra u kellha pizza f'idejha u ssuġġerixxa li jeħduha biex terġa' tingħaqad mal-grupp iżda t-tfajla ma riditx tmur u l-pizza li kellha f'idejha waqgħetilha mal-art u kienet anke imbottat lil -omissis- b'mod daqsxejn irrabjat. Reġgħu marru fejn il-grupp tal-ħbieb ta' -omissis- u -omissis- qaltlu biex jistenniha u mbagħad it-tfajla sparixxiet u reġgħu telqu lejn daru id f'id. Fit-triq tkellmu fuq il-mużika iżda kien hemm konfużjoni kbira ta' nies. Meta

[7] Xhieda tat-8 ta' Ġunju 2023.

waslu fil-blokka hu tela' t-taraġ sat-tielet sular u -omissis- telgħet warajh fejn daħlu fl-appartament u fil-kamra tiegħu u ħarġu fil-gallarija fejn bdew jitbewsu u jitgħannqu u komplew jagħmlu dan ukoll fil-kamra tiegħu fejn bdew ukoll imissu lil xulxin. Hu beda nieżel għall-parti intima tagħha u dam ibusha hemmhekk u jdaħħal subajgħ għal madwar kwarta u hi kienet kuntenta u kienet qed tieħu pjaċir, tagħmel ħsejjes u movimenti li jindikaw li kienet eċitata. Imbagħad beda jniżżel il-qalziet u kellhom x'jaqsmu u waqt dan kollu t-tfajla kienet qed tgħannqu u tmissu. Hu kkonsma r-rapport intimu u ħeles mingħajr ma uża protezzjoni għaliex -omissis- kienet qaltlu li tieħu xi pinnoli u ma kienx hemm bżonn ta' protezzjoni. Kif spiċċa kollox hi qaltlu li kellha titlaq għaliex irċeviet telefonata u sħabha kienu qed jistennewha u saqsiha meta ser jerġgħu jiltaqgħu u hi qaltlu jitlaqgħu il-ġimgħa ta' wara u telqu lil xulxin b'mod trankwill u għamlu sinjal ta' qalb b'idejhom. B'kollox għamlet xi għoxrin minuta fl-appartament tiegħu. Imbagħad, wara xi minuta li kienet telqet mill-appartament, bagħtitlu messaġġ fejn qaltlu "ċaw, bye". Ċaħad li kien hu li bagħat dan il-messaġġ lilu nnifsu mill-mobile phone ta' -omissis- u sostna li lanqas jaf il-passcode tagħha u kkonferma wkoll li ma kienx fis-sakra dakinhar.

Dwar il-messaġġ li kien bagħat lil -omissis- l-għada fil-għodu, l-imputat stqarr illi huwa bagħat dan il-messaġġ għaliex kien hemm "*xi ħaġa tajba bejnietna t-tnejn u ridt nerġa' niltaqa' magħha l-ġurnata ta' wara*" u bagħtilha dan il-messaġġ għaliex ried jiltaqa' magħha. Kien ukoll ftit dispjaċut dwar l-episodju tad-droga li kien ġralha l-ġurnata ta' qabel u peress li kienu qed jitkellmu fid-disco fejn kien hemm mużika tgħajjat ma setax jisma' tajjeb dak li kienet qed tirrakkontalu. Mistoqsi mill-Qorti jekk fl-appartament tiegħu kienx staqsiha dwar dan l-episodju, l-imputat wieġeb fin-negattiv u qal li kienu bdew jitbewsu u jitgħannqu mill-ewwel u ma kienx hemm ħin. L-imputat ikkonferma illi l-parti ta' dan il-messaġġ tiegħu fejn qal "*sorry for last night*" kien qed jirriferi għall-ġurnata ta' qabel meta lit-tfajla kienu tefgħulha drogi u sostna li l-Ingliż tiegħu m'huwiex tajjeb ħafna. Ċaħad li bagħat dan il-messaġġ għaliex intebaħ illi kien tħanżer ma' -omissis- l-lejl ta' qabel. Innega wkoll illi -omissis- kien qed baqgħet iżżomm il-baskett tagħha fuq żaqqha waqt li kien qed jippenetraha. Spjega illi għalkemm fil-messaġġ qal li kien fis-sakra tant illi ma

jiftakar xejn minn dak li ġara, dan ma jfissirx illi tassew kien fis-sakra u xehed ukoll illi l-motivazzjoni tiegħu kienet li jerġa' jiltaqa' magħha l-ġurnata ta' wara.

Ikkunsidrat;

Illi bħalma huwa mistenni f'każijiet dwar reati ta' natura sesswali, il-Qorti ma għandhiex l-konfort ta' xi prova jew xhieda diretta li tissostanzja verżjoni waħda kontra l-oħra, prova li naturalment tkun ferm utili biex tirriżolvi l-ekwivoci u biex tafferma jew inaqqas mill-kredibbilita` ta' waħda jew l-oħra mill-verżjonijiet kuntrastanti tal-partijiet.

Madanakollu, f'dan il-każ il-Qorti kellha l-vantaġġ li semgħet diversi xhieda li t-testimonjanza tagħhom xeħtet dawl fuq dak li seħħ immedjatament qabel il-partijiet daħlu fir-residenza tal-imputat, partikolarment fuq l-*istato d'animo* tal-parti offiża, u għandha wkoll quddiemha evidenza oġġettiva u ċirkostanzjali fosthom filmati ta' CCTV cameras kif ukoll messaġġi mibgħuta bejn il-partijiet, li fil-kumpless tagħha hija kruċjali għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita' tal-verżjoni tal-partijiet rispettivament.

Wara li kellha l-opportunita li tara u tisma' liż-żewġ partijiet jiddeponu quddiemha, il-Qorti temmen li għandha tagħti affidabbilita` lill-verżjoni tal-parti offiża u mhux lill-verżjoni tal-imputat, u hija persważa li l-verżjoni tagħha hija veritjera. Il-Qorti rat lill-parti offiża tixhed direttament quddiemha u qieset bir-reqqa il-komportament tagħha u ma tistax ma tirrimarkax illi hija żammet ferm u baqgħet konsistenti fl-irqaqat kollha materjali u rilevanti tal-verżjoni tagħha dwar l-istupru, minkejja li ġiet sfidata sija mill-Qorti u kif ukoll mid-difiża, u wieġbet dwar dak kollu li seħħ mingħajr ma kontradixxiet ruħha f'dak li għandu x'jaqsam mal-fatti saljenti u sostantivi tal-avvenimenti li seħħew minnufih qabel kif ukoll waqt u minnufih wara l-istupru.

Fil-fatt, il-verżjoni li ġiet rapportata mill-parti offiża lil PS 430 Andrew St. John fil-11 ta' Ottubru 2021, ukoll hija kompatibbli max-xhieda ġuramentata tagħha għal dak li

għandu x'jaqsam mar-riluttanza tagħha li titlaq lil sħabha biex tmur waħedha mal-imputat u li tidħol fl-appartament tiegħu; l-insistenza tagħha miegħu li għandha titlaq għaliex sħabha kienu qed jistennewha; it-talbiet ripetuti tagħha lill-imputat biex jieqaf jagħmel l-atti sesswali; it-tentattivi tagħha biex tneħħilu idejh minn fuqha u fuq kollox, il-fatt li f'daqqa waħda ħasset li ma setgħetx tirsisti u tiċċaqlaq iktar u baqgħet iċċassata waqt li l-aggressur ippenetraha, kif ukoll il-fatt li nqalgħet minn miegħu u telqet ħesrem meta rrejalizzat li sħabha kienu qed iċemplulha.

Speċifikatament, hija stqarret ma' PS 430 Andrew St. John illi kienet taf lid-DJ tal-istabbiliment Footloose u kienet ikkomunikat miegħu fuq Instagram qabel dakinhar li seħħ l-allegat stupru, u wriet lill-istess uffiċjal tal-Pulizija ritratti ta' wiċċ l-allegat aggressur u tatu wkoll l-isem tiegħu fuq Instagram (*dj_dicano*). Stqarret ukoll illi sbieħ l-10 ta' Ottubru 2021 għall-ħabta ta' xi 3.15 a.m. wara li l-istabbiliment kien għalaq il-bibien, ħarġet 'il barra fejn ħareġ ukoll id-DJ fejn kien talabha biex tassistih iġorr il-basktijiet tad-DJ u għalkemm kienet irrifjutat, baqa' jinsisti magħha biex twassalhomlu fl-appartament tiegħu li kien jinsab viċin ħafna. Speċifikat illi f'ħin minnhom qabadha minn spallitha jew minn idejha għaliex qaltlu li ma riditx titlaq lil sħabha, iżda billi beda jinsisti ħafna u qalilha wkoll li kellha twassalhomlu biss sal-bieb, ċediet u qabdet baskett f'idha u bdiet miexja miegħu 'il fuq sa ħdejn l-istabbiliment Burger King fejn hemmhekk fetaħ il-bieb tal-komun u telgħet xi sulari miegħu u waslet sal-bieb tal-appartament. Meta fetaħ il-bieb hi baqgħet barra bil-baskett iżda b'xi mod irnexxielu jdaħħalha ġewwa u hekk kif daħlet għalaq il-bieb warajha u talbha tniżżel il-basktijiet fil-kamra tas-sodda li kienet faċċata tal-bieb ta' barra. Kif niżżlet il-basktijiet, hu dar għal fuqha, beda jbabasha, u kontra l-volonta' tagħha għollielha d-dublett u niżżilha l-qalziet ta' taħt u ppenetraha mingħajr ma kellu protezzjoni.

PS 430 Andrew St. John xehed illi l-parti offiża kienet qaltlu wkoll illi hija rnexxielha tinqala' minn mal-aggressur tagħha, libset telqet 'il barra. Irrapportat ukoll illi l-episodju baqa' sejjer sa l-3.40 a.m. u in segwitu ntebħet illi fl-3.38 a.m., kien intbagħat messaġġ lill-aggressur innifsu meta kienet għadha fl-appartament tiegħu,

mill-mobile tagħha fuq Instagram (“*hi*”), liema messaġġ hi urietu lil PS 430 dak il-ħin iżda qaltlu li ma tiftakarx li kienet bagħtitu hi u x’aktarx f’xi ħin l-aggressur kien ħadilha l-mobile u bagħat messaġġ hu stess mill-mobile tagħha lilu nnifsu biex jistabblixxi l-isem tal-account tagħha fuq Instagram.

PS 430 xehed ukoll illi -omissis- kienet eċitata ħafna meta bdiet tirrakkontralu x’kien ġara u bdiet tiddejjaq ħafna meta waslet għall-parti tal-allegat stupru, anke minħabba li kien hemm missierha preżenti, u għalhekk ma kienx baqa’ jistaqsiha għall-verżjoni peress li ma kienx hemm Pulizija mara dak il-ħin fl-Għassa. **Il-Qorti għalhekk sejra tieħu dan in konsiderazzjoni meta tiġi biex tqis illi l-parti offiża setgħet ma kienetx ċerta dwar ċerti dettallji meta rapportat il-każ lill-Pulizija (fosthom jekk il-messaġġ li ntbagħat fl-3.38 a.m. kienetx baghtitu hi stess lill-imputat jew jekk l-imputat bagħtux lilu nnifsu mill-mobile phone tagħha), u setgħet addirittura ħalliet xi dettalji barra (fosthom il-parti fejn l-imputat għalaq il-bieb warajha u ħadha fil-gallarija biex tara l-veduta qabel beda jbusha, il-fatt li imbottaha għal fuq is-sodda u l-atti sesswali li twettqu mill-imputat waqt l-allegat stupru)**. Il-Qorti tifhem illi dawn in-nuqqasijiet x’aktarx kienu frott ta’ riluttanza minħabba li hija kienet qed tħossha skomda minħabba l-presenza ta’ missierha u l-fatt li kienet qiegħda tirrapporta l-istupru lil Pulizija maskili mingħajr il-presenza ta’ uffiċjal mara u fil-fehma tagħha dan huwa tassew indikattiv ta’ każ ġenwin fejn tfajla żagħżugħa, li kellha biss 19-il sena, għalkemm tħoss li għandha tgħid dak li jkun ġara, fl-istess ħin tistħi jew tibża’ tagħmel dan u tħossha umiljata tiżvelah lill-Pulizija u lil missierha.

Fil-fatt, jirriżulta illi meta rrakkontat il-fatti bil-ġurament quddiem l-espert mediku fil-presenza ta’ infermiera femminili u l-espert ġinekologa, biss ftit sigħat wara, il-parti offiża kienet ferm iktar kalma u komposta, wieġbet għad-domandi kollha u daħlet fid-dettall kollu rilevanti – verżjoni li hija kompatibbli bis-sħiħ mal-verżjoni fix-xhieda tagħha fejn il-Qorti tinnota li hija qatt ma kkontradixxiet ruħha u kienet konsistenti ferm fil-fatti essenzjali tal-każ.

Anke l-fatt illi -omissis- ma rrapportatx l-allegat stupru minnufih lill-Pulizija, minkejja li kien hemm Pulizija preżenti fl-akkwati tal-appartament tal-imputat fejn kien seħħ l-istupru, u stenniet sat-Tnejn 11 ta' Ottubru 2021 fl-4.30 p.m. biex tagħmel ir-rapport, ma jfissirx – kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiża fit-trattazzjoni - illi r-rapport huwa wieħed falz jew mingħajr bażi.

Blackstone, f'dan il-kuntest, jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

"*The fact that the trauma of rape can cause feelings of shame and guilt which might inhibit a woman from making a complaint is sufficiently well known to justify a comment to that effect. The Court approved an example in general terms of an appropriate direction in such circumstances which covers the following points: (i) experience shows that people react differently to the trauma of a serious sexual assault, that there is no one classic response; (ii)* ***some may complain immediately whilst others feel shame and shock and not complain for some time; and (iii) a late complaint does not necessarily mean it is a false complaint.***"[8]

F'kull każ, il-Qorti tqis li l-provi ma għandhomx jiġu analizzati b'mod spezzattat u individwali, iżda flimkien u fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'interpretazzjoni raġjonevoli u legali wieħed jista' jagħti lil dawk il-provi u fil-każ in diżamina, wara li evalwat il-verżjoni tal-parti offiża b'mod sħiħ, kif ukoll wara li qieset li din il-verżjoni kienet konsistenti ma' dak li f'okkażjonijiet separati qalet lill-Pulizija u mbagħad lill-espert mediku maħtur fl-in genere, il-Qorti hija konvinta li din il-verżjoni hija veritjera u l-fatt li ma rapportatx l-isturpu minnufih ma jnaqqas xejn minn dan il-konvinċiment.

Dan diversament mill-verżjoni tal-imputat fejn jispikkaw l-inkonsistenzi bejn il-verżjoni rilaxxata minnu waqt l-interrogazzjoni u l-verżjoni fix-xhieda ġuramentata tiegħu quddiem il-Qorti, kif ukoll il-kontradizzjonijiet fl-istess depożizzjoni tiegħu

[8] Emphasis made by the Court.

dwar fatti rilevanti jekk mhux għall-allegat stupru nnifsu, għas-sostanza tad-difiża tiegħu.

Il-Qorti tibda biex tosserva fid-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti l-imputat, għalkemm kien qed jiffoka b'mod evidenti fuq l-intimita' u l-konnessjoni qawwija li allegatament kien żviluppa bejnu u l-parti offiża dak il-lejl, nesa li fl-istqarrija tiegħu kien qal illi qabel marru d-dar tiegħu, kienu marru jieklu pizza flimkien. Fil-fatt, mkien ma semma fix-xhieda tiegħu li wara li kienu telqu mill-klabb u qabel marru fl-appartament tiegħu, kienu waqfu biex jixtru u jieklu pizza. Din l-ommissjoni fil-fehma tal-Qorti hija sinjifikanti għaliex, dejjem kif ġie mistqarr mill-imputat waqt l-interrogazzjoni, meta kienu qed jieklu din il-pizza kienu tkellmu dwar l-episodju li kienet irrakkontatlu l-parti offiża fejn xi ħadd kien tefagħlha droga fit-tazza tax-xorb tagħha meta kienet fl-istess klabb il-ġimgħa ta' qabel. Iktar sinjifikanti minn hekk il-fatt illi iktar tard matul l-interrogazzjoni, l-imputat ikkontradixxa ruħu b'mod assolut meta qal illi ma kienx reġa' iddiskuta dan l-episodju ma' Reza, lanqas meta kienu marru jixtru l-pizza, għaliex dak il-ħin kienu qed jitkellmu fuq il-pizza u mbagħad iltaqgħu mal-ħbieb tagħha.

Hija waħda mil-linji difensjonali ewlenin tal-imputat illi l-messaġġ li kien bagħat lill-parti offiża meta qam l-għada filgħodu fejn qalilha "*Sorry about last night I was really drunk and I can't remember anything*", kien bagħtu sewwasew għaliex kien dispjaċut dwar l-episodju fejn kienet ġiet drogata u ried juriha li kien dispjaċut għal dak li kien ġralha, **u dan ma setax jagħmlu qabel għaliex fil-klabb kien hemm mużika tgħajjat u ma setax jisma' tajjeb dak li kienet qed tirrakkontalu**. L-imputat xehed ukoll illi ma kienx staqsa lil -omissis- dwar dan l-episodju meta kienu fl-appartament tiegħu, u fisser li ma kienx hemm ħin għaliex kienu bdew jitbewsu u jitgħannqu mill-ewwel u mbagħad -omissis- kellha titlaq għaliex il-ħbieb tagħha kienu qed jistennewha barra. Iżda iktar tard matul l-istess depożizzjoni tiegħu l-imputat qal li huma kienu reġgħu tkellmu dwar dan l-episodju meta kienu d-dar tiegħu.

Għall-Qorti, dawn il-kontradizzjonijiet fl-verżjoni tal-imputat jolqtu fatti li huma kruċjali għall-kredibbilita' tad-difiża tiegħu illi l-messaġġ mibghut lill-parti offiża l-għada tal-allegat stupru, kien bagħtu bil-ħsieb li juri s-sogħba tiegħu għal dak li hija kienet irrakkontatlu l-lejl ta' qabel dwar xi episodju fejn xi ħadd kien tefagħlha d-droga fix-xorb. Jekk tassew kif ġie mistqarr mill-imputat fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, dan l-episodju ġie diskuss bejniethom meta kienu fl-appartament tiegħu, ftit li xejn fiha sens loġiku l-ispjegazzjoni tiegħu li kien bagħat il-messaġġ bil-ħsieb li juriha s-sogħba tiegħu għal dak li kien ġralha. Iżda jekk wieħed ikollu jemmen il-verżjoni l-oħra, differenti, tal-imputat, ċioe' li ma kienx hemm ħin dak il-lejl biex jiddiskutu dan l-episodju għaliex -omissis- kienet mgħaġġla biex titlaq mill-appartament tiegħu peress li sħabha kienu qed jistennewha, u lanqas seta' jagħti ħafna kasha meta kienu ġewwa l-klabb għaliex kien qed jaħdem, dan ma jistax ħlief jimmina l-allegazzjoni tiegħu illi -omissis- kienet "*trankwilla*" fl-appartament tiegħu u damu xi żewġ minuti qabel telqet, jitkellmu fejn il-bieb tal-appartament.

Tħares minn fejn tħares, il-verżjoni tal-imputat illi l-messaġġ mibgħut minnu fl-3.38 a.m. fejn qal "*Sorry about last night I was really drunk and I can't remember anything*" intbagħat b'riferenza għall-episodju dwar id-droga fix-xorb, ma tista' qatt titqies b'mod raġjonevoli li hija verosimili, wisq inqas probabbli. Il-messaġġ jitkellem ċar: l-imputat qed jiskuża ruħu għal xi azzjoni jew egħmil tiegħu nnifsu. Fil-fatt, l-apoloġija tiegħu ma ġietx marbuta ma', u ma tagħmel ebda riferenza kwalsiasi għal, xi ħaga li qalet il-parti offiża, iżda hija evidentement marbuta mal-istqarrija tal-imputat illi tant kien fis-sakra illi ma jiftakar xejn dwar dak li ġara dak il-lejl. Sokor li evidentement kienet biss skuża biex jiġġustifika din l-azzjoni tiegħu li lanqas ried jiftakar x'kienet, għaliex l-imputat innifsu stqarr ripetutament li huwa ma kienx fis-sakra dak il-lejl u xehed ukoll illi għalkemm fil-messaġġ qal li kien fis-sakra tant illi ma jiftakar xejn minn dak li ġara, dan ma jfissirx illi tassew kien fis-sakra. Fil-fatt, l-imputat jidher li ftakar tajjeb ħafna dak li rrakkontatlu l-parti offiża fil-klabb, dwar l-episodju fejn kienu tefgħulha d-drogi fix-xorb u ftakar tajjeb dak kollu li skont hu kien seħħ fl-appartament tiegħu.

Kollox magħdud, il-Qorti qajla tista' tagħti affidabbilita' lill-ispjegazzjoni mogħtija mill-imputat dwar it-tifsira tal-messaġġ li bagħat lill-parti offiża hekk kif qam l-għada fil-għodu, minflok lit-tifsira naturali kif ukoll litterali tal-messaġġ bħala wieħed ta' apoloġija għal xi azzjoni ħażina li twettqet minn min bagħat l-istess messaġġ u xejn iktar minn hekk. L-iskuża tal-imputat li ma jikkomunikax sew bl-Ingliż hija pjuttost pwerili meta evidentement ma kien hemm ebda xkiel biex huwa jifhem dak li rakkontatlu l-parti offiża dwar l-episodju tad-droga, minkejja li xehed li kienu fil-klabb fejn il-volum tal-mużija kien għoli ħafna.

Fuq kollox hemm il-fatt illi l-parti offiża baqgħet qatt ma wieġbet iż-żewġ messaġġ li ntbagħtulha mill-imputat l-għada tal-allegat sturpu, lanqas meta bagħatilha stampa ta' qalb maqsuma erba' sigħat wara l-ewwel messsaġġ – turija inekwivoka ta' għafsa ta' qalb. **Fil-fehma tal-Qorti dan in-nuqqas ta' tweġiba u l-fatt illi l-parti offiża baqgħet qatt ma għamlet iktar kuntatt mal-imputat inissel inferenza ta' fatt li tassew seħħet xi ħaġa li minħabba fiha hija ma riditx taf bih iktar**. Bla dubju, kieku għal mument il-Qorti kellha tagħti affidabbilita' lill-verżjoni tal-imputat li -omissis- kienet trankwilla u kuntenta u ħadet pjaċir waqt l-att sesswali, jibqa' l-fatt li huwa inspjegabbli kif hi baqgħet qatt ma wieġbet għall-messaġġi tiegħu fejn wera li kien dispjaċut b'xi ħaġa li kienet ġrat dak il-lejl. Barra dan il-fatt illi għalkemm l-imputat xehed illi huwa kien bagħat il-messaġġ għaliex xtaq jerġa' jiltaqa' ma' -omissis- l-ġurnata ta' wara, ma jirriżultax illi huwa qatt bagħat xi messaġġ jew talabha fil-messaġġ in diżamina, biex jerġgħu jiltaqgħu kif wieħed jistenna – fatt li wkoll huwa indikattiv li l-episodju ma kienx temm fuq nota daqstant tajba kif ipprova jpenġi l-imputat fix-xhieda tiegħu.

**Għall-Qorti dan il-messaġġ huwa kompatibbli u jorbot bis-sħiħ mal-verżjoni ta' -omissis- li l-imputat kellu x'jaqsam magħha sesswalment kontra r-rieda tagħha u li minkejja li wrietu u esprimiet l-oġġezzjoni tagħha, huwa baqa' ma tax kasha u ppenetraha mingħajr il-kunsens tagħha.**

Ikkunsidrat;

Lil hinn mill-kontradizzjonijiet u inkonsistenzi fil-verżjoni tal-imputat fl-istqarrija u fix-xhieda tiegħu, din il-verżjoni hija kontradetta ulterjorment minn evidenza oħra akkwiżita fl-atti proċesswali li tkompli timmina u xxejjen il-linja difensjonali tiegħu li l-penetrazzjoni sesswali seħħet bil-kunsens tal-parti offiża, u tkompli tikkonforta l-verżjoni tal-istess parti offiża.

L-imputat stqarr u in segwitu xehed ukoll, illi huwa kien ikkonsma l-att sesswali u eġakola waqt li kien għadu qed jippenetra lill-parti offiza vaġinalment. Iżda din l-asserzjoni, apparti li hija kontradetta mill-parti offiża li sostniet illi huwa ma kienx eġakola, m'hijiex konfortata mir-riżultanzi tal-eżamijiet li ġew kondotti mill-espert seroloġista Dr. Marisa Cassar. Minn eżami tar-relazzjoni tagħha, jirriżulta illi l-liżar tas-sodda tal-imputat fejn seħħ l-allegat stupru kien biss "*weakly positive*" għall-presenza ta' *acid phosphasate*, filwaqt li d-DNA tal-*acid phosphate* li nstab fit-tbajja' fil-parti ta' quddiem tal-qalziet ta' taħt tal-parti offiża (Panty-S3), hija kompatibbli mad-DNA tal-istess parti offiża biss. Ma nstab ebda DNA tal-imputat lanqas fil-*vulval swab* u fil-*vaginal swabs* u fil-kampjuni intimi oħrajn li ttieħdu mill-parti offiża.

Għall-Qorti dawn r-riżultanzi jikkontradixxu t-teżi tal-imputat li huwa kien eġakola ġewwa anke għaliex kieku dan huwa minnu, kien indubbjament jiġi identifikat xi traċċa tad-DNA tal-imputat f'dawn il-kampjuni intimi, filwaqt li wieħed jistenna li l-imputat ikun ukoll il-kontributur ewlieni, jekk mhux uniku, tal-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun Panty-S1 li ttieħed mit-tebgħa ta' *acid phosphosate* fil-parti ta' ġewwa fin-nofs tal-qalziet ta' taħt tal-parti offiża[9]. **Għalhekk, dawn ir-riżultanzi jissostanzjaw il-verżjoni tal-parti offiża illi l-penetrazzjoni waqfet ħesrem meta hija qamet hekk kif semgħet il-mobile phone tagħha jdoqq fuq żaqqha u minħabba f'hekk, l-imputat inqala' minn fuqha**.

---

[9] Ir-riżultati tal-analizi juru illi l-profil ġenetiku li ħareġ minn dan il-kampjun kien "imħallat (x'aktarx 2 kontrbuturi)". Paġna 300, Dok. MC1.

Iktar minn hekk, u kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiża, tabilħaqq instabu traċċi ta' demm fil-parti ta' ġewwa fin-nofs tal-qalziet ta' taħt tal-parti offiża. Dan jikkorrobora l-verżjoni tagħha li kien ħareġ demm mill-parti privata tagħha wara l-penetrazzjoni vaġinali li hija ddeskriviet bħala goff ("*rough*") tant illi weġġgħet, l-iktar meta l-imputat kien għollielha saqajha 'l fuq.  Huwa minnu li ma nsabux leżjonijiet jew sinjali ta' forza jew trawma la esternament u lanqas internament fil-partijiet intimi tal-parti offiża, iżda n-nuqqas ta' marki jew leżjonijiet jista' jkun biss indikattiv u żgur mhux determinanti biex jiġi stabbilit jekk il-konġunġiment karnali seħħx kontra l-volonta' u mingħajr il-kunsens tas-soġġett passiv tar-reat ta' stupru.

Id-difiża tisħaq ukoll illi l-filmati li tniżżlu minn CCTV cameras li juru viżwali tat-triq quddiem l-istabbiliment Footloose kif ukoll viżwali taż-żona iktar 'il fuq fit-triq, mhux biss ma jissostanzjawx iżda jikkontradixxu l-verżjoni ta' -omissis-  illi l-imputat kien qed jiġbidha minn idha u li kienet marret miegħu u eventwalment spiċċat fl-appartament tiegħu, kontra l-volonta' tagħha.  Tisħaq ulterjorment illi f'dawn il-filmati l-parti offiża tidher miexja b'mod kalm id f'id mal-imputat u fl-ebda waqt ma tidher teżita jew tagħmel xi mossa kompatibbli ma' riluttanza.

Il-Qorti ma taqbilx.  Hija eżaminat bir-reqqa dawn il-filmati u tosserva illi l-imputat jidher b'mod ċar jaqbad id il-parti offiża[10] u jmexxiha fid-direzzjoni tal-istabbiliment Burger King.  Da parti tagħha, -omissis- dejjem tidher miexja pass warajh, u f'dawk l-istanzi li tinqabad mill-cameras tidher miexja maġenbu[11], hija tidher tħares 'l isfel x'aktarx lejn il-mobile phone tagħha u wkoll warajha – xeħta li għall-Qorti hija kompatibbli mal-verżjoni tagħha illi ma riditx titlaq lil sħabha u tmur waħedha mal-imputat.  Verżjoni li hija verosimili anke meta wieħed jikkunsidra li l-parti offiża, tfajla ta' dsatax-il sena, kienet f'pajjiż barrani u sabet ruħha waħedha ma' persuna li bil-kemm kienet tafu, fis-sigħat bikrin ta' filgħodu, meta kollox juri li hija kienet tkun il-ħin kollu mdawra bi sħabha jew xi ħadd minnhom.  Kemm hu hekk, l-imputat

[10] Ara wkoll ir-ritratt t'isfel, paġna 325 tal-atti tal-kompilazzjoni.

[11] Ara wkoll ritratt f'paġna 328 tal-atti.

innifsu jaċċetta li -omissis- riedet tistenna biex tara fejn kienu qegħdin il-ħbieb tagħha meta ħarġu mill-Footloose, u jaqbel ukoll illi wara li kellhom x'jaqsmu fl-appartament tiegħu, -omissis- telqet malajr għaliex sħabha kienu qed ifittxuha tant li ma kienx hemm biżżejjed ħin biex jitkellmu fuq id-droga li kienu tefgħulha fix-xorb[12].

Fuq kollox, il-verżjoni ta' -omissis- li marret mal-imputat kontra r-rieda tagħha hija sostanzjata mix-xhieda tal-ħbieb tagħha li kienu fl-istabbiliment magħha dak il-lejl u li rawha jew iltaqgħu magħha meta kienet fit-triq mal-imputat mexjin fid-direzzjoni ta' Burger King.

Noa Eleonor Ettema xehdet li wara li l-klabb kien għalaq, marret tixri pizza u meta kienet sejra lura tingħaqad mal-grupp li kienu għadhom barra l-istabbiliment, iltaqgħet ma' -omissis- li kienet ma' raġel li kien qed iżommha minn id waħda u jiġbidha. -omissis- dehret minn wiċċha li kienet qed tibża' ftit u li ma riditx tmur miegħu u bl-Olandiż qaltilha "*Help, I don't want to go with him, help me*". Hi għalhekk qabdet lil -omissis- minn idha u mexxietha lejn il-grupp filwaqt li bagħtet ukoll messaġġ lill-grupp ta' sħabhom fuq il-*group chat* tagħhom fejn qalet li -omissis- kienet mad-DJ ta' Footloose, l-imputat, u ma tridx tmur miegħu u kienu fil-kantuniera. Waqt li kienu mexjin, -omissis- qaltilha li kien qed jerġa' jiġbidha u talbitha tgħinha u għalhekk hi indirizzatu u qaltlu "*stop ... she don't want to go with you, let her go*" u qalgħetlu idu minn idha iżda dak il-ħin il-pizza waqgħetilha fl-art. Għalhekk, marret tixtri pizza oħra u lil -omissis- qaltilha biex toqgħod mal-oħrajn, fosthom Bobbi u Deborah sakemm tiġi lura. Iżda meta waslet lura fejn il-grupp, -omissis- ma kienetx hemmhekk u l-oħrajn kienu qed ifittxuha.

Fir-realta', dan l-episodju xehed dwaru wkoll l-imputat u semmih ukoll meta ġie interrogat mill-Pulizija, fejn qal illi meta li kienu quddiem il-Burger King wara li telqu minn Footloose, iltaqgħu ma' xi ħbieb ta' -omissis- fit-triq u waħda minnhom kellha

---

[12] Kif rajna, din il-verżjoni tikkuntrasta mal-verżjoni tal-imputat waqt l-interrogazzjoni, li huma kienu damu xi żewġ minuti jitkellmu mal-bieb.

pizza f'idejha li kien waqgħet fl-art u meta reġgħu marru fejn il-grupp tal-ħbieb ta' -omissis- li kienu quddiem il-Footloose, din il-ħabiba tagħha sparixxiet.

Deborah Roodbol xehdet illi f'xi waqt matul il-lejl in kwistjoni, kienet rat lil -omissis- tiżfen ħdejn id-DJ booth ma' Charlotte. F'ħin minnhom, għall-ħabta tat-3.00 a.m. wara li kulħadd kien ħareġ barra mill-klabb, rat illi Noa kienet bagħtet messaġġ fuq il-*group chat* tagħhom fejn qalet li -omissis- kienet mad-DJ izda ma riditx tmur miegħu. Fil-fatt, meta kienet bejn Footloose u Burger King, hija kienet rat lil -omissis- mad-DJ li kien qed jiġbidha minn idejha u hemmhekk rat li -omissis- ħarset lejha qiesha biex tgħidilha li ma tridx tmur miegħu u bl-Olandiż qaltilha biex tgħinha. Hi qaltilha biex tistenna ftit għaliex kienet qed tkellem ma' xi ħaddieħor iżda meta reġgħet ħarset, ma rathiex. Eventwalment kulħadd beda jfittex u jgħajjat lil -omissis- filwaqt li hi ċemplitilha iżda ma weġbitx.

Charlotte Van Diejen xehdet li kienet ma' -omissis- fl-istabbiliment Footloose fejn kienu qed jiżfnu ħdejn id-DJ stand iżda meta ħarġu, bdiet tkellem ma' persuna oħra u lil -omissis- ma rathiex iktar. Marret tfittxha u ntbagħat xi messaġġ fuq il-*group chat* minn Noa li qalet illi -omissis- kienet mad-DJ u ma tridx tmur miegħu, u biex jgħinuha.

Il-Qorti tosserva wkoll illi filwaqt li kif sewwa ġie sottomess għad-difiża illi dawn il-messaġġi li allegatament intbagħtu fuq il-group chat li kellhom -omissis- u sħabha ma ġewx estratti u prodotti fl-atti proċesswali, jibqa' l-fatt illi x-xhieda tal-ħbieb tal-parti offiża ma ġietx kontradetta jew kuntrastata bl-ebda mod, u l-Qorti ma taqbilx li l-kredibbilita' tal-verżjoni tagħhom ġiet b'xi mod imminata bil-fatt li dawn ix-xiehda kienu qed jitkellmu bejniethom barra l-awla tal-Qorti qabel ġew appartati, jew bix-xhieda ta' Afrad Dejan li xehed illi wara li għalaq l-istabbiliment Footloose dakinhar, huwa ra lill-imputat u lil -omissis- barra l-klabb u mxew flimkien għal madwar għaxar metri fit-triq fid-direzzjoni tal-istabbiliment Burger King. **Fi kwalsiasi każ, il-Qorti biex twarrab kull dubju dwar il-kredibbilita' ta' dawn ix-xiehda, għamlet riferenza għall-verżjonijiet rispettivi tal-ħbieb ta' -omissis- kif ġew rapportati**

**lill-Pulizija inqas minn jumejn wara l-akkadut, fit-12 ta' Ottubru 2021[13], liema verżjonijiet jirriżulta li huma pjenament kompatabbli fis-sostanza tagħhom mal-verżjoni li x-xiehda xehdu dwarha quddiem il-Qorti. Għalhekk, l-allegazzjoni tad-difiza dwar kollużjoni bejn ix-xiehda barra l-awla meta ġew imħarrkin biex jixhdu fit-3 ta' Novembru 2021[14] ma tistax tingħata wisq piż.**

Il-Qorti tqis illi għandha żżid ukoll illi anke kieku huwa ppruvat illi l-parti offiża marret volontarjament mal-imputat sal-appartament tiegħu u telgħet fuq jew daħlet ġewwa għaliex riedet u mhux għaliex l-imputat issikkaha, ma jfissirx li hija kienet qed tagħti l-kunsens tagħha biex ikollha x'taqsam sesswalment mal-imputat, wisq inqas li jippenetraha vaġinalment. Fil-fehma tal-Qorti, l-imputat, ġaladarba insista li kien f'sensih, messu intebaħ sa minn meta kienu għadhom telgħin it-telgħa mill-Footloose sal-Burger King, bl-eżitazzjoni tal-parti offiża u r-riluttanza tagħha li titlaq lil sħabha biex tmur miegħu, u li ma kienetx komda tidħol miegħu fl-appartament tiegħu, wisq inqas li jkollha x'taqsam sesswalment miegħu.

B'żieda ma' dan kollu il-Qorti ma tistax twarrab lanqas ir-riżultanzi tax-xhieda b'rabta mal-istat li fih kienet insabet l-parti offiża meta sħabha rawha ħierġa mill-binja minnufih wara l-istupru. Nora Etteme xehdet li -omissis- kienet taħt xokk, filwaqt li Bobbi Hudepohl xehdet illi meta rat lil -omissis- ħierġa minn bieb ħdejn l-istabbiliment 'The Alley', kienet tidher taħt xokk u wara, bdiet tibki. Deborah Roodbol li wkoll ratha ħierġa minn bieb ħdejn Burger King, iddeskrivietha bħala diżorjentata tant illi għalkemm għajtitilha -omissis- baqgħet sejra u mbagħad infaqgħet tikbi hekk kif staqsieta x'kien ġara u weġbitha li ġiet stuprata. Xehdet ukoll illi meta waslu fl-appartament fejn kienu joqogħdu, -omissis- bdiet taqta' nifisha waqt li qed tirrakkontalhom x'kien ġara u ma setgħetx tkompli, filwaqt li Janna Broeken ikkonfermat illi sabet lil -omissis- qed tibki u meta kienu fit-taxi sejrin lura d-dar, kellha żżommha magħha għaliex kienet qed titriegħed.

---

[13] Ara rapport tal-okkorrenza Dok. AS1.

[14] Ara verbal tas-seduta tat-3 ta' Novembru 2021.

Għall-Qorti, din ix-xhieda tkompli tikkonforta l-konklużjoni tagħha illi l-att sesswali u l-konġunġiment karnali li kien seħħ biss ftit minuti qabel, seħħ mingħajr il-kunsens tal-parti offiża tant illi dan ħalla effett emozzjonali ħazin fuqha, kif ukoll illi kuntrarjament għal dak li xehed l-imputat, ma kienetx trankwilla u kuntenta meta kienet fl-appartament tiegħu, waqt l-att sesswali u meta ġiet biex titlaq.

Il-Qorti ma temminx lill-imputat lanqas meta qal illi -omissis- bagħtitlu l-messaġġ fl-3.38 a.m. ("*hi*") **wara** li kienet telqet mill-appartament tiegħu, u teskludi bħala improbabbli u inverosimili illi fl-istat ta' xokk li nsabet fih kif ħarġet mill-appartament tal-imputat, -omissis- riedet tibgħatlu messaġġ. Kemm hu hekk, kif diġa' ġie stabbilit, hi qatt ma wieġbet għall-messaġġi li huwa kien bagħtilha iktar tard dakinhar stess u għalhekk, ftit jagħmel sens il-verżjoni tal-imputat li l-parti offiża riedet iżżomm f'kuntatt miegħu wara dan l-episodju li evidentement ittrawmatizzaha. Il-Qorti temmen il-verżjoni tal-parti offiża li dan il-messaġġ bagħtitu qabel telqet mill-appartament, fuq talba tal-imputat biex jista' jsibha fuq Instagram u jikkuntattjaha, u mhux għaiex kien messaġġ spontanju mingħandha – kieku kien iweġibha dak il-ħin, ħaġa li m'għamilx. Kif diġa' ġie osservat qabel, il-fatt illi -omissis- irrapportat lill-Pulizija li kien l-imputat li kien bagħat messaġġ lilu nnifsu mill-mobile phone tagħha, mhuwiex sejjer jitqies bħala fatali għall-kredibbilita' tagħha stabbilit li PS 430 Andrew St. John xehed illi dak il-ħin -omissis- kienet eċitata ferm u bdiet tiddejjaq ħafna meta waslet għall-parti tal-allegat stupru, anke minħabba li kien hemm missierha preżenti.

Il-Qorti żżid ukoll tosserva illi ma hemm xejn fl-atti u fil-provi proċesswali li jeskludi l-verżjoni tal-parti offiża jew li minħabba fih ma għandhiex tagħtiha piż affidabilita'. Fuq kollox, ma riskontrat ebda raġuni l-għala -omissis- kellha tivvinta li ġiet stuprata mill-imputat meta kienet tafu biss superfiċjalment u ma kien hemm storja bejniethom, u għalhekk ma kien hemm ebda motivazzjoni biex tagħmillu xi ħsara għal xejn b'xejn. Anke l-fatt illi mill-provi jirriżulta illi missierha kien ġie Malta mill-Olanda minnufih, l-għada stess li qaltlu b'dak li kien ġralha, biex jagħtiha sostenn morali u wkoll

jassistiha biex tirrapporta l-każ lill-Pulizija, ikompli jissostanzja l-verżjonijiet tax-xhieda li ddeskrivew l-istat ħażin u ta' ansjeta' li -omissis- kienet tinsab fih wara dan l-episodju. Tassew missierha ma ġiex prodott biex jixhed u ma kienx deher jakkumpanjah fil-Qorti iżda dan ma jfissirx li ma kienx tassew ġie Malta u fil-fehma tal-Qorti, ma jnaqqas xejn mill-konvinċiment tagħha dwar il-veraċita' tal-verżjoni tal-parti offiża.

Anke l-fatt illi l-parti offiża setgħet reġgħet marret fl-istess klabb ma' sħabha jumejn wara l-akkadut, ma jiswiex biex jimmina l-kredibbilita' tagħha dwar il-fatti tal-istupru. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-vittma hija tfajla ta' 19-il sena li ġiet Malta biex tistudja l-Ingliż iżda fuq kollox biex toħroġ u tiddiverti ma' sħabha kif del resto huwa magħruf li jagħmlu l-istudenti barranin tal-Ingliż li jiġu jistudjaw Malta, u mill-provi joħroġ illi sa minn meta kien waslu Malta hi u sħabha kienu jiffrekwentaw l-istess klabb kważi kuljum. Għalhekk mhux xi ħaġa straordinarja li huma komplew jiffrekwentaw l-istess klabb minkejja dak li ġara mal-imputat liema episodju, f'kull każ, ma kienx seħħ ġewwa l-klabb. Il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tad-difiża illi l-fatt li ftit ġranet wara, -omissis- setgħet ġiet osservata ġewwa l-istess klabb, ma jfissirx li l-istupru ma seħħx jew li l-episodju ma kien ħalla ebda impatt fuqha u fir-rigward, Albert Cassar ma setax kien korrett meta xehed li huwa ra lil -omissis- fl-istess stabbiliment, Footloose, "*l-għada*"[15] u fuq kollox, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh il-fatt illi l-imputat ma kienx u ma setax kien preżenti fil-klabb fil-ġranet ta' wara l-akkadut għaliex kien ġie arrestat fil-11 ta' Ottubru 2021, meta sar ir-rapport, u dan il-fatt kien magħruf lill-parti offiża.

Fl-isfond ta' dawn il-fatti u kunsiderazzjonijiet kollha, il-verżjoni tal-imputat li kollox seħħ bil-kunsens u parteċipazzjoni attiva tal-parti offiża, ma tistax titqies li hija ppruvata sal-grad tal-probabbli u l-Qorti m'hi xejn konvinta bil-veraċita' ta' din il-

[15] Il-Qorti tosserva illi dan ma setax kien l-għada tal-allegat isturpu, iżda jekk xejn l-għada li x-xhud sar jaf li l-imputat kien ġie arrestat, ċioe' l-għada tat-Tnejn 11 ta' Ottubru 2021. Magħdud dan il-fatt illi kienet terza persuna li ma xehdtix fil-kawża li allegatament ġibditlu l-attenzjoni li din it-tfajla kienet proprju -omissis- Keler għaliex hu ma kienx jaf min hi.

verżjoni tal-imputat li, kif rajna, hija wkoll kontradetta minn provi oħrajn inkluż evidenza ċirkostanzjali li xejn ma jagħtuha fejda.

Hawnhekk il-Qorti tħoss li għandha tirriproduċi dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**[16]:-

"*Meta gudikant ikun rinfaccjat b'żewġ versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-każ) jistghu jigru żewġ affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta ħl-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi għall-piena ...*"

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit il-konvinzjoni tagħha li l-verżjoni tal-parti offiża hija l-verżjoni korretta u veritiera li għandha timxi fuqha, il-Qorti sejra tgħaddi issa biex tistħarreġ jekk f'dan il-każ ġewx ippruvati l-elementi tar-reat ta' stupru li l-imputat gie akkużat li kkommetta fuq il-persuna tal-vittma tar-reat.

L-artikolu 198(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif emendat bid-dħul fis-seħħ tal-Att XIII tal-2018, jipprovdi li jikkommetti stupru: *kull min, mingħajr kunsens, jikkommetti konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra.*

Illi essenzjalment ir-reat ta' stupru jikkonsisti fil-konġungiment karnali ċioe' l-introduzzjoni jew il-penetrazzjoni ta' l-organu ġenitali ta' persuna fl-organu ġenitali ta' persuna ohra, magħmul kontra l-volonta' tal-vittma, mingħajr kunsens. Dan ifisser

[16] Appell Kriminali deciz 9.9.2002.

illi l-istupru jirrikjedi l-prova ta' żewġ elementi: l-att sesswali konsistenti f'konġunġiment karnali, u n-nuqqas ta' kunsens tal-vittma. Dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi u jrid jintwera illi dawn jissussistu konteswalment matul it-twettiq tal-att sesswali b'mod illi jekk wieħed minn dawn l-elementi huwa mankanti, ir-reat ma jissussistix.

Naturalment, bħal fil-każ tar-reati kriminali kollha, l-element formali tad-*dolo* fl-aġent tar-reat irid jissussistu indipendentement mill-element tan-nuqqas ta' kunsens da parti tal-vittma tar-reat. Fir-rigward, imbagħad, tal-elementi tal-konġunġiment karnali, m'hemmx għalfejn dan ikun komplut ghal kollox, għaliex skont il-proviso tal-imsemmi Artikolu 198(1) tal-Kap. 9, huwa biżżejjed li jkun hemm bidu tal-penetrazzjoni.

Illi dwar l-element tan-nuqqas tal-kunsens, dan għandu jigi evalwat u mistħarreġ bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-istess Artikolu 198 tal-Kap. 9 li jipprovdi illi l-atti ta' penetrazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jitqiesu li seħħew mingħajr kunsens sakemm tali kunsens ma kienx mogħti volontarjament, b'riżultat tal-volontà libera tal-persuna, evalwati fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-istat tal-persuna fiż-żmien tar-reat, b'konsiderazzjoni tal-istat emozzjonali u psikoloġiku tal-persuna, fost konsiderazzjonijiet oħrajn. Din id-definizzjoni hija maħsuba biex tiffoka fuq il-kunsens liberu u fuq l-awtonomija tas-soġġett passiv tar-reat, li huma ingredjenti essenzjali tal-kunsens li n-nuqqas tiegħu jifforma wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat ta' stupru. Ix-xorta tal-mankat kunsens u l-kwistjoni jekk dan ġiex ikkomunikat b'mod effettiv lill-aġent tar-reat, jeħtieġ analiżi taċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ sabiex jiġi determinat il-ħtija o meno għar-reat ta' stupru.

Għandu jingħad ukoll illi b'riżultat tal-emendi li saru fl-artikolu 198 tal-Kodiċi Kriminali permezz tal-Att XIII tal-2018, l-oneru tal-prova li l-konġinġiment karnali seħħ mingħajr il-kunsens tal-vittma jidher li inxteħet fuq l-akkużat permezz ta' preżunzjoni *juris tantum* li l-konġunġiment karnali ma kienx konsenswali. Fil-fatt, is-

subartikolu (3) tal-artikolu 198 jiddisponi: "*L-atti msemmija fis-subartikolu (1) u (1A) għandhom jitqiesu li seħħew mingħajr kunsens sakemm tali kunsens ma kienx mogħti volontarjament, b'riżultat tal-volontà libera tal-persuna, evalwati fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-istat tal-persuna fiż-żmien tar-reat, b'konsiderazzjoni tal-istat emozzjonali u psikoloġiku tal-persuna, fost konsiderazzjonijiet oħrajn.*"

Fis-sentenza mogħtija fil-kawża **The Republic of Malta v. Bjorn Raake**, din il-Qorti kienet għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar l-effett tal-inverżjoni tal-oneru tal-prova tal-element tan-nuqqas ta' kunsens tal-vittma fir-reat ta' stupru:-

*"Notwithstanding this apparent inversion of the evidential burden onto the accused in order to prove consent on a balance of probabilities, either by showing that the victim consented or that in the context of the surrounding circumstances it was reasonable for him to conclude that the victim consented to the sexual act, the Court is of the view that it is for the Prosecution not only to prove beyond a reasonable doubt that the carnal connection took place but also to bring some conclusive level of evidence that the act, in some manner, lacked the consent of the victim. The Court would be seriously concerned about the validity, from a constitutional perspective, of a legal provision which places entirely onto the accused the evidential burden of disproving one of the two constitutive elements of a crime that carries such an onerous punishment: such a strict requirement would undoubtedly create an excessive burden on and also possibly impinge upon the fundamental right on an accused person not to incriminate himself, of which the right to silence forms an integral part.*

*Moreover, if the presumption contained in Article 198(3) of the Criminal Code is to be interpreted as relieving the Prosecution of any onus of proof whatsoever of the non-consensual nature of the sexual act, it would mean that every sexual act involving a carnal connection as defined in Article 198(1) of the Criminal Code, is to be deemed*

*to be performed without the passive subject's consent unless proved otherwise by the accused person.*"[17]

Ikkunsidrat;

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u applikat il-prinċipji fuq enunċjati għall-każ in diżamina, il-Qorti, wara li qieset li mhux kontestat illi l-konġunġiment karnali seħħ bil-penetrazzjoni vaġinali tal-vittma, hija konvinta bl-iktar mod sħiħ mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni, illi dan il-konġunġiment karnali seħħ ukoll mingħajr il-kunsens tal-parti offiza. Huwa stabbliit mill-provi illi meta fehmet illi l-imputat kien bi ħsiebu jagħmel atti sesswali magħha, -omissis- irrifjutat li jkollha x'taqsam miegħu iżda huwa xorta wahda ippersista fl-azzjonijiet tiegħu. Dan minkejja li hija baqgħet iżżomm il-baskett tagħha ma' żaqqha l-ħin kollu u minkejja wkoll li dan in-nuqqas ta' kunsens hija fehmitulu sija verbalment meta qaltlu ripetutament qabel u matul l-att sesswali "*stop I need to go*" u "*I told him a couple of times to stop, he did not, at the whole evening he did not stop whenever I told him to stop"*, kif ukoll fiżikament meta pprovat diversi drabi tneħħilu rasu u idejh minn fuqha.

Ta' sikwit f'sentenzi tal-Qrati tagħna li jittrattaw ir-reat ta' stupru, issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** fejn l-elementi li sawwru ir-reat ta'l-istupru gew spjegati b'mod konċiż. Għalkemm qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XIII tal-2018 liema emendi raw l-element tal-vjolenza, bħala wieħed mill-elementi essenzjali u kostituttivi tar-reat ta' stupru taħt l-Artikolu 198 tal-Kap. 9, jiġi sostitwit b'dak tan-nuqqas ta' kunsens għall-konġunġiment karnali, il-Qorti tqis illi bosta mill-konsiderazzjonijiet fl-insenjament in materja għadhom jgħoddu ugwalment illum. Fis-sentenza appena msemmija, intqal hekk fir-rigward tal-prova ta' dan l-element kostittuttiv tar-reat ta' stupru:

[17] Decided on the 29th May 2023.

"... *Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari fuq l-eta` tas-suggett attiv u tas-suggett passiv, l-istat ta' saħħa u l-forzi tagħhom, it-temperament jew karattru taghhom, kif ukoll fuq iċ-ċirkostanzi partikolari li jkun jinsab fihom is-suggett passiv. ... Għalhekk ma huwiex il-każ ... li biex ikun hemm l-istupru jrid ikun hemm, da parti tal-vittma, xi resistenza sa l-ahhar nifs, jew li l-istess vittma tant tkun irrezistiet fizikament li tispicca mbengla minn rasha sa saqajha.*" (emfasi ta' din il-Qorti)

Kif jirriżulta minn dan l-insenjament u kif meħtieġ ukoll mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 198(3) tal-Kap. 9, il-prova li l-konġunġiment karnali twettaq mingħajr kunsens tas-soġġett passiv tar-reat u kontra l-volonta` tagħha, għandha tiġi evalwata fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u tal-istat tal-persuna.

Issa fil-każ in diżamina jispikka l-insistenza tal-parti offiża li tibqa' ma' sħabha u li ma titlaqx waħedha mingħajrhom peress li kienu miftiehmin li jmorru lura d-dar flimkien. Hija xehdet illi bdiet tippanikja meta l-imputat qabdilha idha biex tmur miegħu u llargat minn ma' sħabha, tant illi meta inzertat waħda minnhom fit-triq, qaltilha biex tgħinha. Xehdet ukoll li bdiet tippanikja iktar meta kienet fl-appartament tal-imputat għaliex intebħet illi kienet hemmhekk waħedha u sħabha ma kienux jafu fejn qiegħda. Kif diġa' ngħad, dan l-istat psikoloġiku jinftiehem faċilment: wara kollox, il-parti offiża kellha biss dsatax-il sena u kienet ilha Malta biss ftit ġimgħat u kull fejn kienet tmur dejjem tkun mal-istess ħbieb li ġiet Malta magħhom u kienu joqgħodu lkoll fl-istess residenza f'Malta. Spjegat ukoll fix-xhieda tagħha illi qatt ma kienet marret ġo klabbs f'pajjiżha għaliex fiż-żmien tal-pandemija kullimkien kien magħluq u mhux permess li persuni taħt it-tmintax-il sena jidħlu fi klabbs.

Miżmum ferm dan, il-Qorti fehmet illi fiċ-ċirkostanzi, fejn il-parti offiża sabet ruħha waħedha f'appartament ma' raġel ferm ikbar minnha li bilkemm kienet tafu u bilkemm kienu kellmitu qabel, raġel li qatt ma kienet sabet ruħha waħedha miegħu qabel, u fejn ma jirriżultax li kien hemm xi kunfidenzi bejniethom jew retroxxena ta' intimita', kienet qed tħossha ferm ansjuża. Mhux ippruvat illi kien hemm ftehim li

jmorru fl-appartament tiegħu wara l-klabb, wisq inqas li l-intendiment kien li jkollhom relazzjoni sesswali, u l-Qorti ma temminx lill-imputat meta xehed li kienu ftiehmu minn qabel li jmorru fl-appartament tiegħu.

Iżda anke jekk tassew il-parti offiża marret volontarjament fl-appartament tal-imputat u setgħet aċċettat jew ma warrbitx l-avvanzi sesswali inizzjali tal-imputat b'mod voċiferu jew bil-forza, dan ma jfissirx illi l-atti sesswali l-oħra li twettqu fil-ħin ta' wara saru bil-kunsens tagħha. **Dan qed jingħad għaliex jekk il-kunsens għall-penetrazzjoni jkun ġie rtirat, fi kwalunkwe stadju, anke waqt l-att innifsu, u dan in-nuqqas ta' kunsens ikun ġie komunikat effettivament lill-parti l-oħra, l-element essenzjali tar-reat jigi nieqes bil-konsegwenza illi jekk l-aġent jibqa' għaddej f'dawk iċ-ċirkostanzi mibdula, ikun ħati tar-reat in diżamina**.

Fir-rigward, Blackstone[18] jgħid hekk:-

"*... if there is no longer consent to penetration, the man must withdraw (Kaitamaki v The Queen [1985] AC 147; Tarmohammed [1997] Crim LR 458). If the man is aware that a person has ceased to consent to penetration, he cannot claim that there was a consent to its continuation (Cooper [1994] Crim LR 531). In the event of a claim of a mistaken belief that consent persisted, an accused will be guilty of rape if he did not reasonably believe, having regard to all the circumstances, that the person continued to consent...*"

Issa fil-każ tal-atti sesswali u l-penetrazzjoni li -omissis- deskriviet waqt ix-xhieda tagħha, il-Qorti fehmet illi dan kollu seħħ mingħajr ebda kunsens da parti tagħha, irrispettivament u indipendentement minn xi bewsa li setgħet ġiet skambjata qabel fl-klabb jew fl-appartament tal-imputat. Huwa minnu illi mill-provi jirriżulta li inizzjalment, il-parti offiża setgħet offriet iktar reżistenza għall-atti sesswali, milli wriet matul l-att sesswali nnifsu, meta l-imputat ippenetraha, iżda l-Qorti ma tqisx li l-

[18] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed., B3.15.

fatt illi l-vittma setgħet sussegwentement naqqset ir-resistenza jew ċediet għall-att sesswali billi ma baqgħetx tipprova tneħħilu idejh minn fuqha jew rasu minn bejn saqajha u tirreżisti b'turija ta' forza, għandu jimmilita kontra l-prova li l-konġunġiment karnali ġie effettivament inflitt fuqha u twettaq mingħajr il-kunsens tagħha.

Fir-rigward ingħad illi:-

*"There is a difference between consent and submission; every consent involves a submission, but it by no means follows that every submission involves consent". Coleridge J.Day [9 C.& P. 722 at pg 724.*"[19]

Il-Qorti lanqas tista' taqbel illi kieku l-parti offiża verament kienet qed tiġi stuprata mill-imputat, kienet tgħajjat jew tgħolli leħinha. Ġie sottomess waqt it-trattazzjoni finali illi tant kienet qieghda tikkonsentixxi għall-att sesswali illi t-tfajla lanqas għajtet biex tigbed l-attenzjoni li kien qed jigri xi ħaġa mhux normali, għaliex kieku għamlet hekk, kienet tinstema' minn kull min kien għaddej fit-triq ta' taħt, liema triq hija waħda ffullata bin-nies fejn kien hemm ukoll preżenza ta' uffiċjali tal-Pulizija fl-akkwati. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi l-parti offiża ma rreżistietx l-atti sesswali senjatament il-penetrazzjoni bil-forza fiżika jew b'għajjat u twerżiq, jew ma qajmitx storbju jew paniku żejjed waqt l-att sesswali mhux konsenswali li ddeskriviet waqt ix-xhieda tagħha, ma jnaqqas xejn mill-kredibbilita` tal-verżjoni tagħha jew mill-fatt li, kif ampjament stabbilit mill-provi, l-att sesswali ġie sfurzat fuqha mingħajr il-kunsens tagħha. M'huwiex konklussiv jew determinanti lanqas in-nuqqas ta' leżjonijiet fuq ġisimha jew fil-parti intima tagħha u dan ma jimmilitax kontra t-twettiq ta' att sesswali mingħajr kunsens, ukoll minħabba dak li jfisser il-Blackstone:

"*... a complainant who simply freezes with no protest or resistance may nevertheless not be consenting. To have the freedom to make a choice a person must be free from*

[19] Citat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Omissis**, Qorti tal-Magistrati deciza 24.2.2012.

*physical pressure, but it remains a matter of fact for a jury as to what degree of coercion has to be exercised upon a person's mind before he or she is not agreeing by choice with the freedom to make that choice.*"[20]

Il-Qorti diġa' waslet għall-konklużjoni li l-verżjoni ta' -omissis- dwar l-avvenimenti tal-lejl in diżamina hija verosimili u affidabbli, kif ukoll korroborata minn evidenza oħra. Fil-fatt, hija xehdet konsistentement illi neħħietlu idejh diversi drabi minn fuqha u qaltlu ripetutament li sħabha qegħdin ifittxuha u li kellha titlaq biex tiltaqa' magħhom biex imorru d-dar flimkien, kif ukoll qaltlu bla tlaqliq biex jieqaf minn dak li kien qed jagħmel. Speċifikatament, xehdet illi meta l-imputat beda jagħmel atti sesswali, hi qaltlu "*stop I need to go*" iżda hu baqa' jmissha u jbusha u wara li imbottaha fuq is-sodda, tellgħelha d-dublett u ressqilha l-qalziet ta' taħt mal-ġenb fejn hi ppruvat timbottalu rasu minn bejn saqajha u imbottatlu wkoll idejh xi darbtejn iżda "*he just grabbed my hands and putted (sic!) somewhere else and I remember at one point I was so panicked, I just froze and the only thing I could do is looking up to the ceiling like a lifeless body at that point because I did not know what to do anymore. ... I didn't do anything. I was laying on the bed looking up because my emotions were shut off. After I told him a couple of times to stop, he did not, at the whole evening he did not stop whenever I told him to stop. At that point, I got so panicked and stressed, I coulnt do anything. I dont know why, I just looked up to the ceiling and let it happen for a while*".

Xehdet ukoll li ppenetraha bis-saħħa u b'mod goff ħafna tant illi weġġagħha anke għaliex kien qed jiġbdilha saqajha 'l fuq, iżda ma kienx uża forza eċċessiva jew vjolenza fuqha. Ikkonfermat ukoll li matul l-att sesswali kollu, kienet għadha liebsa l-baskett tagħha fuq żaqqha tant illi l-mobile phone tagħha li kien f'dan il-baskett, beda jdoqq fuq żaqqha f'liema waqt hija qamet bil-qiegħda u nqala' minn magħha.

[20] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed., B3.15.

**F’dan il-kwadru ta’ fatti, li l-Qorti diġa’ qieset li huma l-fatti li effettivament seħħew, ma jista’ jifdal ebda ekwivoku li l-parti offiża ma kienetx qiegħda tagħti l-kunsens tagħha, meta kienu fl-appartament tal-imputat, la għall-atti ta’ intimita’ u wisq anqas kienet qiegħda tikkonsentixxi għall-penentrazzjoni vaġinali jew xort’oħra, u l-imputat ma setax ma fehemx dan u messu, raġjonevolment, kien jaf li ma kienx hemm kunsens għall-atti sesswali wisq inqas għall-penetrazzjoni vaġinali, anke għaliex il-kunsens ma jitnissilx minn reżistenza u oġġezzjoni li f’daqqa waħda jieqfu.**

Il-Qorti abbażi ta’ dan kollu, hija moralment konvinta li l-fatti ġraw kif ġew rakkontati minn -omissis- fix-xhieda tagħha u ċioe` li filwaqt li hija marret kontra r-rieda tagħha mal-imputat u ma rieditx tidħol fl-appartament tiegħu, l-imputat għalaq il-bieb warajha, beda jbusha u jmissha u bdiet tirrifjuta u tgħidlu li trid titlaq; illi minkejja dan, huwa imbottaha għal fuq is-sodda u beda jagħmel atti sesswali magħha kontra r-rieda tagħha u minkejja r-rifjut espress tagħha; illi għalkemm għall-bidu reżistiet vokalment kif ukoll fiżikament, ġisimha ffriża u ma ċċaqalqitx iktar meta beda jippenetraha; illi f’daqqa waħda ġiet f’tagħha meta beda jdoqq il-mobile phone tagħha, fejn qamet f’salt u l-imputat inqala’ minn magħha.

F’dan l-aġir il-Qorti tirravviża l-elementi kollha tal-istupru kif definit fil-Ligi, ċioe’ l-konġunġiment karnali, in-nuqqas ta’ kunsens tal-vittma u d-dolo tal-imputat, u konsegwentement l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija sodisfacjentement pruvata.

Għaldaqsant, l-imputat ghandu jinstab hati tar-reat taħt l-Artikolu 198(1) tal-Kap. 9, addebitat lilu fl-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Fit-tieni imputazzjoni, l-imputat ġie mixli bir-reat taħt l-Artikolu 86 bl-aggravju prospettat taħt il-paragrafu (g) tal-Artikolu 87(1) tal-Kap. 9.

Dan jipprovdi illi huwa ħati tar-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi, kull min: "*... bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrat...*", liema delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi imġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna.

Sabiex jissussisti r-reat tas-sekwestru tal-persuna huwa biżżejjed illi tirriżulta xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 86 u ċioe` l-arrest, jew iz-zamma jew is-sekwestru tal-persuna kontra l-volonta tagħha, u dan mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorita` kompetenti[21].

Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu[22] jgħid hekk dwar l-element materjali tar-reat in diżamina:-

"*... the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.*"

Issa fil-każ in diżamina, huwa minnu li mill-provi jirriżulta li l-imputat, biex wettaq ir-reat ta' stupru, imbotta lill-vittma lura fuq is-sodda u minkejja li hija pprovat

[21] Il-Pulizija vs Chrisopher Ellul – Qorti tal-Appell Kriminali (Inf.), deciz fis-7 ta' Mejju 2001.

[22] Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40].

timbottalu idejh u tneħħielu rasu minn bejn saqajha u qaltlu li ma tridx, hu ma tax kasha u baqa' jwettaq l-atti sesswali kontra r-rieda tagħha. F'dawn iċ-ċirkostanzi, anke jekk għal mument f'dan l-aġir wieħed seta' jirravviża s-sekwestru tal-persuna, dan jikkostitwixxi mhux ir-reat ravvizat fl-Artikolu 86 tal-Kodici bl-elementi meħtieġa skont kif imfissra fl-insenjament appena rapportat, iżda pjuttost mezz għall-fini tal-kommissjoni tar-reat ta' stupru.

Fir-rigward, issir referenza għas-sentenza mogħtija mil-Qorti Kriminali fil-kawża **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino u Anthony Pandolfino**, deċiża fid-19 ta' Ottubru 2006, fejn gie ritenut li meta s-sekwestru jew l-arrest ta' persuna jkun il-mezz sabiex jitwettaq ir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti fuq il-pudur, ma jistax ireġġi wkoll ir-reat ta' sekwestru tal-persuna taħt l-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali[23]:-

"*Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti. Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolenti dedotta fl-Ewwel u fir-Raba' Kapi jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-żewġ sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna każi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn ġewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru…*"

[23] Dan l-insenjament gie riaffermat diversi drabi : ara fost ohrajn **Il-Pulizija vs. Joseph Magro**, deciza minn din il-Qorti diversament preseduta, 10 ta' Dicembru 2012.

Applikat dan l-insenjament għall-każ in diżamina, l-imputat ma jistax jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 86 tal-Kap. 9 kif addebitat lilu fit-tieni imputazzjoni, anke għaliex ma jirriżultax illi l-parti offiża kienet imsakkra fl-appartament jew fil-kamra tas-sodda tal-imputat, anke bl-iskop li jsir bla xkiel l-att sesswali bla kunsens. Fil-fatt, il-vittma ma kienetx sekwestrata jew miżmuma milli titlaq jekk mhux minħabba l-att sesswali ossia konunġiment karnali li ġiet imġiegħlha tissottokkombi għalih kontra r-rieda tagħha.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena, il-Qorti sejra teroga l-piena fil-minimu għaliex l-imputat jidher li għandu fedina penali kompletament netta. Madankollu, billi l-piena massima teċċedi priġunerija għal għaxar snin, il-Qorti hija kompletament prekluża milli tapplika xi waħda mis-sanzjonijiet maħsuba fl-Att dwar il-Probation u għal raġunijiet ovvji, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artiklu 28A tal-Kap. 9 hija wkoll eskluża.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni taħt l-artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikolu 198(1),(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil HENRY ALONSO CANO ROJAS ħati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah sitt (6) snin priġunerija effettiva.**

**Billi qed tinsab ħtija għal reat skedat taħt il-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta (Skeda 1 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri), tordna għall-fini tal-artikolu 6(1)(a) u 6(2) tal-istess Kapitolu 518, illi din is-sentenza għandha, meta ssir definittiva, tkun notifikata lir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**